# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 859

Mejju 2004



## Il-futur ta' Għawdex fl-Unjoni Ewropea

GOZO CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY

Il-ħajja f'għawdex
(Classification)

GAB 133027 7/08
Acquisition No. Date

This book has been donated by:
John Mejlaq


TADEUSZ DAJCZER
X'NEMMEN?
Il-Fidi Mistħarrġa
Ngħixu fil-Mulej
Editur: Dun Anton Sultana
F'Marzu ma' San Ġużepp
Hsibijiet u Talb miġbura minn Mons. Isqof Nikol G. Cauchi
X'QED TITLEF!
Dnub jekk ma baqgħalekx moħħ taqra...!
LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS
jistednuk taqra mqar wieħed minn dawn is-seba' kotba ġodda li ħarġu dan l-aħħar...
għall-ġid tiegħek!
KATEKIŻMU GĦAĊ-ĊKEJKNIN 1
IVA NEMMEN
(Il-Kredu Mfisser)
Pubblikazzjoni tal-LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE Victoria, Għawdex
EDIZZJONI "LUMEN CHRISTI" 2004
IL-KELMA TAR-RAGĦAJ
Ġabra ta' ittri pastorali, ċirkulari, u atti oħra ta' l-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof ta' Għawdex
Vol. VII
L-Ewwel Żviluppi fid-Duttrina Soċjali tal-Knisja
Mons. Nikol G. Cauchi
"PHILOTHEA"
Daħla għall-Ħajja Nisranija
L-EWWEL VOLUM
SAN FRANĠISK DE SALES
LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE, VICTORIA, GĦAWDEX - TEL: 2156 0496

## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mill-Knisja fid-Dinja • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
Il-futur ta' Għawdex fl-Unjoni Ewropea • 12
Tal-Biża' il-Vjolenza! •16
Apprezzament • 18
Versi Riflessivi •19
ACM: fl-Iskola ta' Marija •20
Bookmark: "Minn Sotto il-Monte..." • 22
Għawdex 300 sena ilu –
Ħruq tal-Maskli miċ-Ċittadella • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim
tat-Twemmin Nisrani (27) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (26) • 26
Għawdex... Kif nafu u narah jien (5) •30
Xhieda Nisranija: Dun Ġużepp Grima(2) •32
Għawdxin li għadna niftakru (15) -
Il-Prinċipal • 34
Marija u l-Ħidma Ekumenika • 36
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn Madwar id-Dinja • 42



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 859***
***Mejju 2004***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fit-28 ta'April 2004*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
**Għawdex fl-Unjoni Ewropea**
**(ara l-Intervista, pp. 12-15)**


## EDITORJAL

# Pajjiżna fl-Unjoni Ewropea bejn sfidi u opportunitajiet

*Fl-ewwel jum ta' Mejju, pajjiżna uffiċċjalment beda jagħmel parti mill-Unjoni Ewropea - għaqda issa ta' 25 pajjiż li jiffurmaw blokk politiku wieħed, b'għanijiet speċifiċi li jġibu l-quddiem l-interessi tal-kontinent ewropew sħiħ, u fl-istess ħin jippromovu l-ekonomija, il-politika soċjali u fuq kollox is-sigurtà u l-istabilità ta' kull pajjiż membru.*

*Forsi meta wieħed jikkunsidra l-kobor ta' pajjiżna, jista' jistaqsi kemm tista' tkun effettiva l-vuċi tar-rappreżentanti tagħna meta dawn se jsibu ruħhom fuq l-istess mejda mar-rappreżentanti, ħafna iżjed minnhom fin-numru, ta' pajjiżi ġganti bħal ma huma l-Ġermanja, l-Ingilterra, l-Italja ...eċċ. Mistoqsija oħra li għadha tberren fl-imħuħ ta' ħafna hija jekk pajjiżna hux verament lest biex jibda jaffronta u jħabbat wiċċu ma' l-istandards mitluba, ukoll jekk issa ilu żmien għaddej b'ritmu pjuttost mgħaġġel, eżerċizzju ta' konformiżmu u implimentazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċeduri u liġijiet rikjesti mill-istess Unjoni Ewropea.*

*Insomma ma' dawn il-mistoqsijiet u oħrajn, żgur li kull wieħed u waħda minna jista' jżid il-mistoqsijiet u d-dubji tiegħu f'din is-sitwazzjoni li tixbaħ lil min se jidħol fi stat ta' ħajja ġdida jew differenti, bl-inċertezzi u l-ansjetà li tali sitwazzjoni tista' ġġib magħha. Min-naħa l-oħra, għaldaqstant, ma nistgħux ngħidu li pajjiżna se jmidd dan il-pass kompletament bl-għamad ma' għajnejh. Ċerti li l-mexxejja ta' pajjiżna u l-promoturi ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea għamlu l-homework tagħhom, il-poplu wera l-fehma tiegħu fir-referendum storiku li sar is-sena li għaddiet; jonqos issa li nibdew induqu xi ftit minn dak li din l-istituzzjoni għandha x'toffrilna.*

*Irridu ngħidu li pajjiżna diġà gawda diversi benefiċċji (eż: skambji kulturali u edukattivi, finanzjament ta' programmi edukattivi, għajnuniet fl-immodernizzar tas-sistemi agrikoli, l-għarfien tal-gżira tagħna ta' Għawdex bħala reġjun ...eċċ.) u dan saħansitra qabel is-sħubija uffiċċjali. Ma' dawn wieħed jittama li jgawdi iżjed opportunitajiet fil-futur qarib. Il-benefiċċji u l-opportunitajiet qegħdin hemm; imiss issa lil dawk il-persuni li se jirrappreżentawna fuq is-siġġijiet tal-parlament ewropew biex jippruvaw jaħtfu dak kollu li jgħodd u li jista' jġib 'l pajjiżna 'l quddiem.*

*Iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin, bil-għaqal li wrew dejjem, iridu jkunu lesti li jilqgħu l-isfidi u l-piżijiet li s-sħubija effettiva se ġġib magħha, u jisfruttaw mill-aħjar li jistgħu dak li tali sħubija ser toffri. Din it-tama, flimkien ma' l-abilitajiet u l-kapaċitajiet ta' niesna għandha timliena bil-kuraġġ biex malajr insibu postna sew fl-ingranaġġi ta' din is-sistema ġdida, bil-proċeduri u l-prassi li ser iġġib magħha. Dan ma jfissirx li wieħed ma jżommx l-identità u l-istili tiegħu, kemm dawk personali, kif ukoll fuq livell nazzjonali, għax l-identità, l-istorja, it-twemmin u l-karattru tagħna bħala polu Malti u Għawdxi jridu jibqgħu jiddistingwuna minn popli oħra, wkoll f'dan ir-rwol ġdid tagħna. Poplu li jaf minn xiex huwa msawwar u x'inhuma l-prinċipji u l-valuri li dejjem emmen fihom, jista' jibbaża l-futur tiegħu fuq pedamenti sodi. Dan hu l-isbaħ awgurju għar-rwol ġdid ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea.*

www.gozodiocese.org



# Il-Ħajja fid-Djoċesi

Seminarista Joseph Curmi

### *Ċentinarju ta' San Girgor f'Kerċem*

Nhar il-Ġimgħa 12 ta' Marzu nfetħu ċ-ċelebrazzjonijiet taċ-Ċentinarju ta' San Girgor bi translazzjoni, kif ukoll bil-wasla tal-E.T. il-Kardinal James Francis Stafford. Dan baqa' mal-kommunità parrokkjali ta' Kerċem sat-Tnejn 15 ta' Marzu. Il-Ħadd 14 tax-xahar hu mexxa konċelebrazzjoni li fiha kien hemm preżenti Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, u tbierket lapida li tfakkar din iċ-ċelebrazzjoni ċentinarja.

### *L-Isqof jiltaqa' mal-Ġenituri fl-Għarb*

Bħala parti mit-tħejjija tat-tfal tal-parroċċja tal-Għarb li din is-sena se jirċievu s-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, ltaqa' mal-ġenituri ta' dawn it-tfal. Dawn il-ġenituri jridu jkunu l-ewwel skola tar-reliġjon u għalhekk huma stess għandhom jitgħallmu u jkunu aktar intiżi fir-reliġjon biex ikunu jistgħu jgħallmu lill-uliedhom x'toffri r-reliġjon speċjalment fiż-żminijiet tal-adoloxxenza u ż-żgħożija. Din il-laqgħa saret fiċ-Ċirklu tal-Azzjoni Kattolika tal-Għarb.

### *Pellegrinaġġ tal-Irġiel għal Ta' Pinu*

Kif isir ta' kull sena, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp, il-K.D.A.L. organizzat il-pellegrinaġġ tal-irġiel għall-Knisja Ta' Pinu fejn ħadu sehem fil-quddiesa li ċċelebra Mons. Isqof. Dan il-pellegrinaġġ sar fl-20 ta' Marzu.

### *Acies tal-Legjun ta' Marija*

L-*Acies* hi waħda mill-attivitajiet jew ċelebrazzjonijiet annwali tal-Leġjun ta' Marija. Din is-sena kif isir ta' kull sena, nhar il-Ħadd 21 ta' Marzu, il-Leġjunarji t'Għawdex kellhom il-Laqgħa tagħhom fil-Knisja Parrokkjali tax-Xewkija. Għal din il-laqgħa attendew u ħadu sehem il-praesidia kollha kemm taż-żgħar kif ukoll tal-kbar. Din il-laqgħa kienet immexxija mill-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni Bosco Gauci.

### *L-Isqof iqaddes għall-Istudenti ta' l-Iskola Agius de Soldanis*

F'jum id-Duluri, jiġifieri il-Ġimgħa 2 ta' April, l-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi ċċelebra quddiesa ġewwa l-Isports Complex flimkien mal-istudenti tal-iskola sekondarja tal-bniet "Agius de Soldanis". Fil-ħsieb li hu għamel, l-Isqof għamel referenza għat-tbatija li ġarrbu Ġesu Kristu u l-Omm tiegħu Marija fil-jiem tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu. L-Isqof fisser il-valur tat-tbatija meta naċċettawha bi spirtu nisrani. Hu ħeġġeġ biex nuru mogħdrija u solidarjetà ma' kull min qed ibati.

### *Quddiesa għall-Membri tal-Korp tal-Pulizija*

Wara t-tmiem tal-kors ta' eżerċizzi li saru lill-Pulizija t'Għawdex, huma ħadu sehem f'quddiesa li ġiet iċċelebrata għalihom fl-istazzjon tal-Pulizija, Victoria, mill-Vigarju Ġenerali Mons Giovanni Bosco Gauci. Waqt il-priedka hu tkellem dwar it-tbatija fil-ħajja, kif ukoll dwar is-siwi tagħha fir-rabta tagħna mar-rieda t'Alla biex tgħinna nersqu dejjem aktar lejH. Hu kkonkluda billi fisser is-sentenza importanti li qal San Pawl: "Inkompli f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu".

### *Eżerċizzi lill-Ħaddiema tal-"Gozo Channel"*

Minn xi sena 'l hawn il-Knisja qed toffri saċerdot li jkun Direttur Spiritwali għall-ħaddiema tal-*Gozo Channel*. Bħalissa dan is-saċerdot hu Fr. Joe Zammit. Fost il-pastorali li ssir ma' dawn il-ħaddiema insibu quddiesa ta' kull xahar fuq vapur li jkun *stand-by*, kif ukoll kors ta'eżerċizzi fir-Randan. Barra minn dan matul is-sena jsiru wkoll kuntatti personali ma' dan in-nies kif ukoll mal-familji tagħhom.

### *Tberik tal-kappella ġdida tal-Oratorju Don Bosco*

Il-Ħadd 18 t'April Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa konċelebrazzjoni li fiha bierek il-kappella tal-Oratorju li ġiet ri-strutturata. Flimkien miegħu kkonċelebraw xi saċerdoti fosthom Dun Louis

## AGGREGAZZJONI SPIRITWALI BEJN IL-BAŻILIKA PATRIJARKALI TA' SANTA MARIA MAGGIORE F'RUMA, U L-BAŻILIKA TAL-MADONNA TAL-PATROĊINJU FL-GĦASRI GĦAWDEX



Dan l-aħħar tħabbar li l-Penitenzjerija Apostolika laqgħet it-talba tar-Rettur tal-Knisja tal-Madonna tal-Patroċinju ġewwa l-Għasri Għawdex biex terġa' tiġġedded l-għaqda spiritwali li kienet teżisti sa mill-1768, bejn dawn iż-żewġ knejjes. Fid-dokument iffirmat mill-Arċipriet tal-Bażilika Liberjana, il-Kardinal Carlo Furno jispeċifika li l-indulġenzi li minnhom tgawdi l-Bażilika ta' Santa Marija Maggiore f'Ruma se jiġu ukoll applikati fil-Knisja tal-Patroċinju fi ġranet speċifiċi. Dawn il-ġranet ser ikunu:

1. Il-Festa Titulari tal-Bażilika Liberjana fil-5 t'Awissu.
2. Il-Festa Titulari tal-istess Knisja tal-Patroċinju.
3. Il-Festi Solenni tal-Beata Verġni Marija.
4. Darba fis-sena f'ġurnata libera li l-fidili jagħżlu.
5. Meta l-pellegrini jinviżtaw il-Knisja tal-Patroċinju.

Fiż-żjara li għamel dan l-aħħar, il-Kardinal James Francis Strafford f'Għawdex fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji ta' San Girgor il-Kbir Papa,



saret il-preżentazzjoni tad-digriet lill-Kanonku Dun Ġużepp Zammit, Rettur tal-Knisja tal-Patroċinju. Dan id-digriet li jġib il-firma tal-istess Kardinal bħala Penitenzerier Maġġuri, inqara uffiċċjalment fil-Knisja ta' San Girgor ġewwa Kerċem nhar is-Sibt 13 ta' Marzu 2004, u wara ġie ppreżentat formalment lir-Rettur tal-Knisja tal-Patroċinju tal-Għasri.



Bezzina li għal dawn l-aħħar snin kien Direttur u Fr. Effie Masini id-Direttur il-ġdid. Waqt l-omelija l-Isqof semma li skond l-ideali ta' San Ġwann Bosco, il-kappella għandha funzjoni importanti flimkien mal-klassijiet tad-duttrina u anki l-postijiet tar-rikreazzjoni. L-isqof wera t-tama li l-Oratorju jista' jkun ta'għajnuna għal dawk li jinsabu fil-kategorija bejn il-griżma u ż-żwieġ bil-mezzi ta' tagħlim u rikreazzjoni li joffri.

### *Anzjana Tagħlaq 100 Sena*

Mons Isqof Nikol G. Cauchi, nhar it-Tnejn 19 t'April kien mistieden biex jikkonċelebra quddiesa fir-Residenza tal-Anzjani Nisa, 'Sant' Anna', fl-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena ta' waħda mill-anzjani, Grazzia Falzon mill-Qala. Fost il-konċelebranti kien hemm neputi tagħha Patri Karmelitan Joseph Falzon O. Carm, Kappillan tal-Balluta, Malta.


Majestic too Electronics Centre
Video & DVD Rentals,
*Sales of*: TV's, VCR's, Hi-Fi,
Mobile Phones & Air-Conditioners
*F. Mizzi Street, Victoria, Gozo - Malta.*
Tel: 2156 6616 Mob:79461299

**Authorized Dealers in Gozo for**
SAMSUNG — *Satellite Receivers*
SANYO — *TV. DVD. VIDEO. AUDIO*
Pioneer — *Sound and Vision*
Roadstar — *Hi-Fi's of All Kinds*

*REPAIR CENTRE FOR MOBILES, TV's, VIDEOS, DVD's, HI-FI's, etc.*




## *Santa Margerita Magħrufa u Meqjuma - wirja artistika f'Sannat*

Il-Kumitat tal-Festi Ċentinarji Sannat, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi ċentinarji, organizza wirja dwar Santa Margerita. Il-wirja ttrattat id-devozzjoni lejn din il-qaddisa hawn Malta u barra minn xtutna. Is-suġġett magħżul kien *Santa Margerita: Qima, Storja, Arti*. Il-wirja ttellgħet fid-dar ta' l-Arċipriet fi Pjazza Santa Margerita Sannat mit-23 sat-28 ta' April. Barra dan, fit-28 ta' April kien jum il-parroċċa u dakinhar sar it-tberik taċ-ċimiterju l-ġdid ta' l-istess parroċċa. Fis-6.00pm telaq pellegrinaġġ mill-Knisja Parrokkjali għaċ-ċimiterju fejn l-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi qaddes u wara bierek iċ-ċimiterju l-ġdid.

## *Ikoni mill-Albanija*



Bejn il-Ħamis l-1 ta' April u Ħadd il-Għid il-pubbliku seta' jara wirja ta' ikoni sagri fil-Banca Giuratale ġewwa Victoria. L-ikoni esebiti nġabu mill-Albanija mill-organizzazzjoni Fond Albanija li hija abbinata mal-missjoni Madonna ta' Pinu f'Mamurras. L-ikoni huma xogħol bl-idejn maħduma fid-deheb u kienu jinkludu xbihat ta' Kristu, il-Madonna u l-qaddisin. Uħud minn dawn l-ikoni kienu għall-bejgħ u d-dħul mar b'risq il-missjoni Madonna ta' Pinu fl-Albanija mmexxija minn Dun Manwel Cutajar. Il-wirja tbierket mill-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi Mons. Arċidjaknu Giovanni Bosco Gauci.

## *Kunċerti tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Katidral, fix-Xagħra, u f'Għajnsielem*

Il-Banda Ċittadina Leone flimkien mal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* u l-*Cathedral Youth Choir* tellgħet kunċert tal-Ġimgħa Mqaddsa t-Tlieta 6 ta' April. Is-Soċjetà Filarmonika *Victory* tax-Xagħra ukoll tellgħet programm ta' mużika sagra funebri s-Sibt 3 ta' April. Dan sar b'tifkira ta' Mro. Nazzareno Refalo ex-surmast u ta' Frangisk Camilleri f'għeluq il-ħamsin sena minn mewtu. Il-kunċert sar fil-Bażilika Kolleġġjata u Santwarju ta' Marija Bambina. Ħadu sehem il-Korijiet *Nativitas* u *Maranatha*. Kunċert ieħor ta' mużika sagra għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa ttella' mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp ta' Għajnsielem it-Tnejn 5 ta' April fil-knisja l-qadima ta' Għajnsielem. Barra mill-mużika, inqraw ħsibijiet minn Patri George Bugeja OFM, Direttur Spiritwali tas-Soċjetà.

## *Ġurnata għall-Karità nhar Ħadd il-Għid b'risq ir-Respite Centre*

Saret *open day* fl-*Arka Respite Centre* ġewwa Għajnsielem f'Ħadd il-Għid. Kien hemm bażar u ħafna kienu dawk li żaru lil din id-dar u raw b'għajnejhom is-servizzi li din toffri b'risq il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Wara nofsinhar kien hemm spettaklu li xxandar dirett fuq Radju RTK.

## *In-Nadur Song Festival - it-tfajliet jibbrillaw!*



It-tmintax-il edizzjoni ta' dan il-festival saret is-Sibt 27 ta' Marzu ġewwa t-teatru MBC fil-każin tal-Banda Mnarja. Deborah Cassar rebħet il-kategorija tagħha u ġiet ivvutata bħala l-aħjar kantanta tal-festival. Ħadu sehem 33 parteċipant f'erba' kategoriji. Daphne Xuereb, Alison Sultana, Deborah Cassar u Anita Jane Calleja rebħu dawn l-erba' kategoriji. Is-sindku tan-Nadur u dak ta' Baveno fl-Italja preżentaw it-trofej lir-rebbieħa.

## *Lejla Maltija fil-Każin tal-Banda Leone*

Fl-okkażjoni ta' l-għeluq tat-48 sena minn meta s-Soċjetà Filarmonika Leone irregalat l-istatwa artistika ta' Santa Marija lill-Knisja Katidrali, is-soċjetà organizzat Lejla Maltija. Din saret bil-kollaborazzjoni ta' l-Għaqda Armar Santa Marija u l-*Vampa Organisations*. Kien hemm ikel tipiku malti, kant u żfin tradizzjonali minn gruppi folkloristiċi kif ukoll logħob tat-tombla. Hector Bruno kien il-mistieden speċjali għal din is-serata li nżammet il-Ġimgħa 23 ta' April ġewwa l-Każin tal-Banda Leone.

## *"Before Dawn" - Wirja Artistika dwar l-identità ta' Malta fl-U.E.*

Is-Sibt 27 ta' Marzu ġiet inawgurata wirja b'dan l-isem ta' l-artist Mario Cassar. Din hija s-sitt wirja personali ta' dan il-pittur. Fr. Peter Serracino Inglott għamel id-diskors inawgurali. F'din il-wirja wieħed seta' japprezza għoxrin biċċa xogħol ta' arti. Fihom Mario jpinġi l-identità tagħna l-Maltin fid-dawl tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Ta' min iżid li fil-fuljett fejn wieħed isib tagħrif dwar din l-esibizzjoni, kien hemm kritika tagħha miktuba mill-Profs. Richard England.




## *Ġemellaġġ In Vigore: Nadur- Baveno*

Ġie ffirmat ftehim ta' ġemellaġġ bejn in-Nadur u Baveno fl-Italja. Il-programm ta' dan il-ġemellaġġ seħħ bejn is-27 ta' Marzu u l-1 ta' April. Il-merħba saret is-Sibt 27 ta' Marzu fi Ġnien il-Kunsill fi Triq il-Madonna ta' Fatima. Il-Ħadd 28 ta' Marzu saret iċ-ċerimonja uffiċċjali tal-ġemellaġġ fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri wara quddiesa konċelebrata fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl. Id-delegazzjoni minn Baveno ittieħdet f'bosta postijiet ta' interess kemm f'Għawdex u anke f'Malta.

## *"Art Box" - Inizjattiva Artistika fil-Qala*

Din hija inizjattiva ġdida għal dawk kollha li jħobbu l-arti u li jpinġu. Din il-gallerija ta' arti moderna fetħet fil-Qala, fil-Pjazza San Ġużepp. L-artista Finlandiża Tanya Van Poucke tat bidu għal dan il-proġett u ilha għal dawn l-aħħar għoxrin sena torganizza u tieħu sehem f'wirjiet ta' arti. F'din l-ewwel wirja, minbarra x-xogħlijiet ta' l-istess Van Poucke, hemm esebiti wkoll xogħlijiet fiċ-ċeramika ta' Barbara Attard Pettett u Rosella Schembri u l-fotografu Finlandiż Hilde Verbeke. Hija l-intenzjoni ta' din l-artista li torganizza mhux biss wirjiet iżda wkoll laqgħat, *workshops*, *master classes* u attivitajiet simili. Dan il-post għandu jservi bħala punt ta' tlaqqiegħ bejn artisti Maltin u barranin.

## *Għanjiet l-Irxoxt - Musical Speċjali fil-Pjazza tax-Xagħra nhar l-Għid*

Dan il-*pageant* ittella' mill-Kumitat Festi ta' l-Għid tax-Xagħra f'Ħadd il-Għid ġewwa Pjazza Vitorja. Dan kien *musical* li ġabar siltiet minn *musicals* oħrajn li ttellgħu f'dawn l-aħħar snin dejjem minn dan il-kumitat. It-tema tkun il-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu.

## *Jum il-Ħelsien*



Dan il-jum nazzjonali kien iċċelebrat l-Erbgħa 31 ta' Marzu permezz ta' ċerimonja qasira iżda simbolika fi Pjazza Indipendenza, Victoria. Ħadet sehem il-Banda tal-Pulizija. Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono poġġiet bukkett tal-fjuri quddiem l-irħama kommemorattiva tal-Ħelsien. Filgħaxija studenti u għalliema mill-Iskola tal-Mużika ta' Sannat esegwew kunċert mużikali fis-Sala tal-Wirjiet fi Pjazza San Franġisk, Victoria. Indaqqew xogħlijiet ta' kompożituri magħrufa bħal Beethoven, Bach, Mendelsohn, Schubert u Puccini.



## *"Id-Dar ta' Bernarda Alba" - dramm fl-Oratorju*

L-iskola tad-drama fin-Nadur Għawdex, bil-kollaborazzjoni ta' l-Oratorju Don Bosco, ippreżentat lill-pubbliku dan id-dramm ta' Federico Garcia Lorca. Id-dramm kien fih tliet atti u d-direzzjoni artistika kienet ta' George Mizzi. "Id-Dar ta' Bernarda Alba" ttella' is-Sibt 17 ta' April fl-Oratorju Don Bosco, fir-Rabat.

## *Ċentru Ċiviku fil-Qala - Żvilupp aktar komdu għas-servizzi soċjali u ċiviċi*

Ħarġu l-permessi meħtieġa biex parti mill-Iskola Primarja President Anton Buttigieg tiġi konvertita f'Ċentru Ċiviku li ser jinkludi l-uffiċini tal-Kunsill Lokali, klinika tal-gvern, librerija pubblika, għassa tal-pulizija, sala tal-laqgħat u faċilitajiet sanitarji b'aċċess għall-persuni b'diżabilità.

## *Programm ta' Tisbiħ għal Għawdex - ambjent aktar attraenti u nadif*

Il-Ministeru għal Għawdex nhar l-1 ta' Marzu nieda fuq programm ta' tisbiħ ambjentali għal Għawdex. Dan il-programm jikkonsisti f'taħwil ta' pjanti, fjuri, kura tal-ġonna, *soft areas* u *roundabouts* f'bosta partijiet ta' Għawdex. Ix-xogħol qed isir mill-ħaddiema tas-Sezzjoni tal-Afforestazzjoni u Ġonna Pubbliċi fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

## *Żjara fi Skola mill-Ministru Pullicino: Proġett Eko-Skola*

Il-Ministru Ġorġ Pullicino żar l-Iskola Primarja Patri Mattew Sultana tax-Xagħra l-Ħamis 26 ta' Frar. Il-Ministru ta tifkira lill-iskola għaliex kienet waħda mill-ewwel sitt skejjel li ħadu sehem fil-proġett pilota EkoSkola matul is-sena skolastika 2002/2003. Huwa ltaqa' mat-tfal involuti f'dan il-proġett u t-tfal ippreżentaw rapport qasir dwar ħidmiethom f'dan il-proġett.

## *"Ideal Home Exhibition" għal darb'oħra fit-Teatru Astra*

Il-Kumpless tat-Teatru Astra għal darba oħra laqa' fi ħdanu din l-esebizzjoni li saret bejn il-Ġimgħa 2 u l-Ħadd 4 ta' April. Kien hemm bosta prodotti lokali u impurtati għall-wiri.

## *Talba għad-Devoluzzjoni ta' Art fl-inħawi ta' Seguna f'Sannat*

Il-Kunsill Lokali tar-raħal ta' Sannat qed jitlob lill-gvern ċentrali għad-devoluzzjoni ta' l-art fl-inħawi ta' Seguna bi skop li jsir *playing field* ħalli t-tfal li joqogħdu f'dawk l-inħawi jkollhom post fejn jieħdu gost u jirrekrejaw ruħhom. Sadattant, b'ittra lill-Kummissarju ta' l-Artijiet, datata 29 ta' Jannar 2004, ir-residenti permezz tal-Perit Edward Xerri talbu lid-Dipartiment sabiex jekk hu possibli, kull familja residenzjali tingħata l-fakultà li tixtri biċċa art wara r-residenza tagħha biex tkun ġnien jew bitħa u hekk ir-residenza tkun maqtugħa ftit mill-propost *playing field*.




## *Kura lill-Abbatini - il-futur ta' aktar Vokazzjonijiet Saċerdotali*

Fl-ittra ta' kull sena lis-saċerdoti kollha tad-dinja, li uffiċċjalment iġġib id-data ta' Ħamis ix-Xirka, Ġwanni Pawlu II stieden lill-qassisin kollha biex jitolbu għal żieda fil-vokazzjonijiet għall-ħajja saċerdotali u reliġjuża. Barra mit-talb, il-Papa ssuġġerixxa lir-rgħajja spiritwali biex jipprovdu formazzjoni kif għandha tkun għas-subien u ż-żgħażagħ fil-parroċċi, b'mod partikulari lill-abbatini, biex hekk il-parroċċa tista' tkun "kważi speċi ta' pre-seminarju", billi tagħti liż-żgħażagħ formazzjoni spiritwali soda u billi tiftħilhom il-possibilità tal-vokazzjoni saċerdotali.

## *Irtir Dinji għall-Qassisin f'Malta, organizzat mill-Vatikan*

Il-laqgħa dinjija għas-saċerdoti li jmiss, organizzata mill-Kongregazzjoni għall-Kleru, għandha ssir f'Malta f'Ottubru ta' din is-sena. Il-Kardinal Dario Castrilon Hoyos, Prefett ta' din il-Kongregazzjoni, ħabbar il-pjanijiet dwar din il-laqgħa fis-6 ta' April. L-irtir mondjali għall-qassisin ser isir bejn it-18 u t-23 ta' Ottubru 2004. Mill-1996 sa l-2000, il-Kongregazzjoni organizzat ħames irtiri, li laqqgħu flimkien saċerdoti minn madwar id-dinja. Dawn l-irtiri saru f'Fatima, il-Portugal; Yamoussoukro, fil-Kosta ta' l-Avorju; Gwadalupe, fil-Messiku; Ġerusalemm u l-aħħar wieħed f'Ruma. Dawn l-irtiri kienu organizzati bi sforz kbir biex jgħinu lill-qassisin iħejju ruħhom għas-sena tal-Ġublew il-Kbir. Wara l-Ġublew, ma kienx hemm irtiri fl-2001 u 2002. Is-sena li għaddiet, pjanijiet għal laqgħa simili bil-ħsieb li ssir fis-Santwarju ta' Lourdes, kienu posposti minħabba l-programm sfiq ta' attivitajiet fil-Vatikan, tul Ottubru 2003. Dan il-programm kien jinkludi konċistorju, iċ-ċelebrazzjoni tal-25 Anniversarju tal-Papa u l-Beatifikazzjoni ta' Madre Tereża.

## *Aktar minn miljun massakrati fir-Rwanda 10 snin ilu*

Skond is-servizz ta' l-aħbarijiet *Fides*, kienu aktar minn miljun persuna l-vittmi massakrati tal-1994 fir-Rwanda. Dan il-kalkolu hu ogħla minn kalkoli oħrajn li saru qabel, li kienu għaddew in-numru ta' nies maqtula fil-ġenoċidju tal-1994 għal madwar 800,000. Iżda Fr. Dominique Karekezi, meta tkellem f'isem l-Uffiċċju għall-Kommunikazzjonijiet Soċjali ta' l-Isqfijiet ta' Rwanda, qal li ċensiment ġdid jindika li kien hemm fuq miljun ruħ maqtula.

## *Figuri inkoraġġanti fiż-żieda ta' Vokazzjonijiet fil-Pajjiżi Missjunarji*

Kemm ilu jmexxi l-Knisja Ġwanni Pawlu II, l-għadd ta' seminaristi kważi rdoppja minn 63,882 fl-1978 għal 112,982 fis-sena 2001. "Qatt fl-istorja tal-Knisja ma kellna daqshekk seminaristi jistudjaw il-filosofija u t-teoloġija", qal l-Arċisqof Csaba Ternyak, mill-Kongregazzjoni tal-Kleru. "Dak li hu sabiħ hu li dawn il-vokazzjonijiet huma aktar stabbli milli kienu 30 sena ilu. Il-persentaġġ ta' seminaristi li jħallu din it-triq kien 9.09% fil-bidu tal-pontifikat (ta' Ġwanni Pawlu II); waqt li issa dan il-persentaġġ naqas għal 6.93%". Waqt li fil-pajjiżi żviluppati kien hemm nuqqas fin-numru tas-saċerdoti bejn l-1961 u l-2001, f'artijiet oħrajn kien hemm żieda. Fl-Amerika Latina fl-1961 kien hemm 43,202 qassis, waqt li 40 sena wara kien hemm 63,159. Fl-Afrika, minn 16,541 saru 27,988 waqt li fl-Asja minn 25,535 saru 44,446. B'kollox, fl-1961 kien hawn 404,082 qassis fid-dinja, waqt li fl-2001 kien hawn 405,067.

DM
David's Bakery Caterers
Il-Kwalità l-ewwel!
Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131




## Ġurnata Tipika ta' Impjegat maċ-Ċivil

L-imgħallem baqgħalu ftit ieħor biex jasal avolja kważi daqqu t-tmienja ta' filgħodu. Allura sakemm jasal iddeċidejt li nixgħel il-kompjuter u nikteb xi ħaġa. Xejn xejn il-kors li għamlulna fuq kif nużaw il-*computer* ma jkunx għalxejn. Veru ta' 56 sena wasalt biex nirtira u ma tantx kelli moħħ dan il-kors, imma kif jgħidu, t-tagħlim qatt mhu biżżejjed!!

Sakemm jasal l-imgħallem ikolli noqgħod hawn. Almenu kemm jarani x'ħin jidħol... għax hu ma jdumx hawn taf! Jiġu mumenti nkun waħdi hawn ġew! Min ħareġ sal-bank, min mar għat-tfal l-iskola, min mar qadja 'l hawn, min mar fuq xi biċċa xogħol, u sejrin!

Insomma, m'għandix għax ingerger taf! Għax meta jkolli bżonn niddobba wkoll! Ara llum per eżempju għandi ħafna qadjiet x'nagħmel. Għax għandkom tkunu tafu li jien għandi *part-time job* ukoll! U għadni ma ppreparajt xejn. Issa nagħmel lista ta' x'irrid inlesti u x'irrid nixtri ħalli kif insib minuta ċans niskappa ftit nagħmel dawn il-qadjiet. U jekk tinqala xi ħaġa, l-imgħallem għandu n-numru tal-*mobile* tiegħi. Iċempilli waħda u f'kemm ilni ngħidlek inkun lura f'posti fuq ix-xogħol!! L-aqwa li x-xogħol li għandi nagħmel nipprova nagħmlu, mhux hekk?! Imbagħad hawn min verament irid jaħdem bis-serjetà u jtella x-xogħol taż-żewġ jew tliet impjegati oħra - u allura ngħid jien, la jiehdu gost jaħdmu ħallihom ħa jaħdmu huma! L-imgħallem x'ħin jistaqsuh kemm għandu nies jaħdmu fid-dipartiment tiegħu, dejjem iħobb jirrispondi "inqas min-nofshom!"

U mela fejn kont qabel!!!! Kienu jibgħatu 10 ħaddiema biex jagħmlu xogħol ta' 2!!! Mhux bilfors imbagħad ma' l-10.00 am kulħadd iparpar!!! Jaħasra kemm kont sew hemmhekk; biċċa xogħol ta' ftit jiem konna ndumu ġimgħat fuqha. Konna veru sirna ħbieb, nitkellmu fuq kollox u fuq kulħadd... L-aħbarijiet konna nsiru nafuhom qabel tas-*C.N.N.* Ħadd ma kien jeħlisha minn ilsienna! Kien hemm sieħbi veru kien kapaċi jirrakkonta ċ-ċajt. Ma nafx minn fejn kien jaqlagħhom...kuljum b'xi waħda ġdida u waħda agħar mill-oħra. Nistqarr li mhux dejjem kont nifhimhom mill-ewwel! Dak barra ċ-ċajt goff...

Imma mbagħad ħadt "skoss" f'dahri u bagħtuni hawn. Mhux għax hawn ħażin taf! Imma hawn wieħed minn sħabi, fi żmien il-kaċċa jagħmel ġimgħat ma jersaqx 'l hawn. Imbagħad hemm l-oħra li tħalli l-*leave* kollu għal Diċembru u ssallab lilna!!! Imma l-aktar gustus huwa sieħbi ieħor li qatt ma jagħmel xejn! Meta l-partit tiegħu ikun fil-gvern jgħid li l-gvern tiegħu, allura ma jagħmel xejn. Meta l-partit tiegħu ikun fl-oppożizzjoni jgħid li la l-gvern mhux tiegħu ma jridx jaħdem!! L-aqwa li l-paga dieħla...

U issa li dħalna fl-Ewropa tgħidx kemm għandhom karti x'jaħlu; kuljum b'xi karta ġdida x'nimlew b'ħafna mistoqsijiet fuq dak li suppost qed nagħmlu. Tgħid x'jagħmlu bihom? Min jaqrahom? Min jaf kemm jitħallas?! Kieku kont naf ftit aktar skola kont napplika għal xogħol bħal dan; forsi nagħmel xi vaganza b'xejn! U iva! Issa tara kif jgħaddi Mejju nerġgħu niġu għal li konna. Nissaportu ftit għalissa u ma nibqax ingerger għax ma nispiċċa qatt!! Kieku taf x'nixtieq qabel nirtira: li nieħu *promotion*. Imma biex timxi ftit 'il quddiem trid il-qaddisin!! Għandu jkun veru dak li jgħidu fuq min mexa u min ma mexiex!!! Skond il-kulur...!

Ħa nieqaf għax wasal l-imgħallem. Forsi nsib ċans inkompli darba oħra. Bilħaqq, għax lanqas għedtilkom: jien impjegat taċ-ċivil, jekk xi ħadd jixtieq jinnominani għall-Ħaddiem tas-Sena!!

***P.S. Bħal ta' l-istudent u l-universitarju għawdxi li deħru fiż-żewġ ħarġiet ta' qabel - dal-każ biss daħlilna! Alla ħares kulħadd hekk!***






## *Iz-Zalza tfuħ tal-"Gozo Channel"!*

Nhar l-Erbgħa, 21 t'April, l-Onor. Ministru Austin Gatt għoġbu joffri daqsxejn zalza tassew tfuħ biex isajjar l-ekonomija, l-industrija u t-turiżmu tal-gżira tagħna! Huwa ħabbar żidiet fin-nollijiet tal-"*Gozo Channel*" li jvarjaw minn 9 sa 66 fil-mija li se jkunu mqassma fuq sena u nofs, bejn Ġunju li ġej u Jannar 2006. Tassew pjan intelliġenti!

M'hemmx għalfejn inżid il-kummenti tiegħi ma' dak li ġa' ntqal jew inkiteb minn min għandu tassew rasu fuq għonqu. Biżżejjed nikkwota xi frażijiet li kiteb "Asterisk" fil-"*Ġens Illum*" tas-Sibt 24 t'April. Naqbel miegħu perfettament meta qal:

1. "Il-*Gozo Channel* ma tistax tiġi separata mill-ekonomija tal-gżira Għawdxija... L-impatt li żidiet ta' din ix-xorta jista' jkollhom fuq l-ekonomija ta' Għawdex huwa enormi. F'mument ta' din ix-xorta fejn l-ekonomija Għawdxija tinsab fi stat tal-biki, daqqa bħal din ma tistax ħlief tkun mortali...

2. "Kull ftit li nbiddlu fit-tariffi u fit-*time-table* noħolqu riperkussjonijiet kbar fl-ekonomija Għawdxija. L-irwol tal-*"Gozo Channel"* hu li tattira n-nies lejn Għawdex, u mhux il-kontra...

3. "Kull ċenteżmu li nħallsu hu żejjed għalina u ma jirriflettix sabiħ fuq il-Gvern li tiġi tgħid li qed tagħmel 'aġġustamenti ekwi' meta tagħmel żidiet ta' 66 fil-mija. Tal-mistħija!!"

Tassew "Għawdex ma jiflaħx għal daqqa oħra ta' din ix-xorta". Hu l-każ li tgħid: Sejrin mill-ħażin għall-agħar bil-vapuri ġodda b'kollox... Iz-zalza ġejja ogħla mill-ħuta! Miskin Għawdex! U grazzi ħafna, Sur Ministru!

## *Il-Ġimgħa l-Kbira f'Għawdex*

Inħobb indur ħafna rħula f'Għawdex f'dawn il-jiem kemm għall-visti tradizzjonali tas-sepulkri, kemm għall-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Jidher li għad għandna ħafna nies li jaħdmu biex dawn ikunu suċċess u jitkomplew dawn id-drawwiet tradizzjonali ta' pajjiżna.

Iżda xtaqt ngħaddi kumment fuq il-purċissjoni li kien hemm ir-Rabat nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Sakemm kont hemm ma nafx kemm qasmu *waiters* bit-*trays* tal-birra minn ġo nofs il-purċissjoni waqt li kienet fi Pjazza Indipendenza. Possibli ma setgħux jistennew ftit tal-ħin? Jew lanqas l-iċken rispett ma baqa' lejn il-poplu tagħna bl-iskuża li dan isir biex ma ngerrxux lit-turisti?!?!

Kumment ieħor fuq ir-radjijiet tal-kommunità li nsibu fil-gżira tagħna. Naħseb li kellhom biċċa xogħol matul dawn il-festi u kienu ta' servizz, ta' wens u ta' faraġ għall-morda, l-anzjani u għal dawk li ma setgħux joħorġu mid-djar. Imma li Sibt il-Għid filgħodu nerġa' nisma' il-funzjoni ta' l-adorazzjoni tas-Salib ma tantx niżlitli! Kif lanqas niżlitli li Sibt il-Għid wara nofs in-nhar smajt programmi ta' mużika moderna li xejn ma taqbel mal-jum u mal-ħin li fiħ kienet tindaqq. Sa fejn naf jien, dawn kollha huma stazzjonijiet tal-kommunità mmexxija mill-parroċċi. Allura nifhem li l-programmi li jixxandru f'dawn il-ġranet għandhom ikunu marbuta maċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi (kif wara kollox għamlu wkoll stazzjonijiet oħra nazzjonali)!! Jew dawn tfal bla kontroll?!

## *Prosit lill-Pulizija*

Il-Ħadd filgħaxija ta' sikwit kont ninżel bil-familja sax-Xatt. Konna nieħdu gost niltaqgħu xi żewġt iħbieb, nieklu xi ħaġa, ngħidu kelma bejnietna filwaqt li ngawdu x-xena sabiħa ta' vapuri deħlin u ħerġin mill-port. Però minn meta bdew jirranġaw it-*terminal* ma bqajtx ninżel minħabba l-konfużjoni ta' karozzi li kien ikun hemm - *queues* twal li ġieli kienu jwasslu s'Għajnsielem! Min nieżel biex imur Malta u min bħali nieżel biex jistrieħ ftit. Dan l-aħħar smajt li l-pulizija kienet qed tagħmel ħilitha kollha biex tnaqqas din il-konfużjoni ta' massa ta' karozzi. U għalhekk ridt nara b'għajnejja. Inżilt il-Ħadd li għadda u veru, il-pulizija kienet qed tmexxi t-*traffic* b'għaqal u b'effiċjenza liema bħala - min għal Malta fi *queue* u min għax-Xatt f'linja oħra. Ma domt xejn nieżel. Veru l-*parking* għadu problema, imma b'sistema effiċjenti bħal dik li ħolqu l-pulizija, qed nitħajjar nerġa' nibda ninżel ix-Xatt il-Ħadd filgħaxija. Prosit tassew.

## *Ritratt... b'mistoqsija!*



***Dan il-monument tal-progress fit-triq prinċipali t'Għawdex, meta se jitlesta?***

L-INTERVISTA

# Il-Futur ta' Għawdex fl-Unjoni Ewropea

**Dun Eddie Zammit jistaqsi lil Mons. Isqof Nikol Cauchi, lill-Onor Ministru Giovanna Debono, lill-Onor. Dr. Anton Refalo, M.P. u lil Dr Michael Caruana, dwar kif iħarsu lejn Għawdex fi ħdan l-Unjoni Ewropea**

## 1. MONS NIKOL CAUCHI , ISQOF TA' GĦAWDEX



***Eċċellenza, x'inhu l-iskop veru tal-Unjoni Ewropea u x'kien l-oriġini tagħha?***

L-Unjoni Ewropea, nistgħu ngħidu li llum, anki f'pajjiżna, saret kelma fuq fomm kulħadd; hemm min għandu ħafna tamiet minn dan il-pass li jagħqqadna magħha, hemm ukoll min huwa xettiku dwarha u jibża minn konsegwenzi negattivi li jista' jkun hemm.

Dak li ħafna għadhom ma jafux jew ma fehmux sewwa huwa l-motiv ewlieni li mexxa ħafna nazzjonijiet li ħabirku biex tinħoloq din l-Unjoni Ewropea u aċċettaw li jidħlu fiha. Fil-fehma ta' xi wħud mill-mexxejja kattoliċi u fi kliem il-Papa stess, l-motiv li wassal għal din l-istruttura huwa t-tama li "tingħata ruħ" lill-proċess ta' integrazzjoni ħalli l-Ewropa twettaq "il-vokazzjoni tagħha li tkun familja ta' popli magħquda li timpenja ruħha għall-għaqda tal-familja umana kollha hemm hi."

Barra minn hekk, inkunu sejrin żmerċ jekk naħsbu li l'idea ta' l-Unjoni Ewropea tfaċċat f'dawn l-aħħar snin u li tħabrik għar-realizzazzjoni tagħha beda reċentament.

Il-verità hija li x-xewqa ta' relazzjonijiet iktar paċifiċi bejn in-nazzjonijiet ewropej hija antika ħafna, u sa minn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija kien hemm gvernijiet li ħabirku mhux ftit biex iseħħ din il-ħolma ta' Ewropa magħquda.

F'dan il-kuntest ta' min isemmi tliet statisti kbar, kattoliċi konvinti li jistgħu jissejħu l-fundaturi ta' Ewropa Ġdida: Konrad Adenauer fil-Germanja, Robert Schuman fi Franza u fl-Italja Alcide De Gasperi.

### *Konrad Adenauer (1876-1967)*

Dan kien l-ewwel Kancellier (1949-63) tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Mill-1917 sal-1933 kien Sindku ta' Cologne u membru tal-Leġiżlatura tal-Prussja. Kien membru tal-Partit Kattoliku taċ-Ċentru u ħadha kontra n-Nazizmu; ġie mkeċċi mill-kariga tiegħu fl-1933, meta Hitler ħa l-poter. Fl-1944 kien miżmum f'kamp ta' konċentrament, iżda ġie illiberat mill-Alleati meta nvadew il-Ġermanja. Fl-1945 kellu sehem fit-twaqqif tal-Unjoni Demokratika Nisranija (CDU) u sar il-president tal-partit il-ġdid. Mill-1951 sal-1955 serva wkoll bhala ministru tal-affarijiet barranin tar-Repubblika Federali.

Huwa pprova r-rikonċiljazzjoni ma' Franza, u taħt it-tmexxija tiegħu l-Ġermanja tal-Punent kienet wieħed mill-pajjiżi li waqqfet il-Komunità Ewropea Ekonomika. Fl-1963, wara li kkonkluda t-trattat ta' koperazzjoni ma' Franza, Adenauer irriżenja minn Kancellier fl-età ta' 87 sena. Miet f'Rhondorf fis-19 t'April 1967.

### *Robert Schuman (1886-1963)*

Kien ministru għal ħafna drabi fil-Gvern Franċiż mill-1946 sal-1956, u għal żmien qasir kien ukoll prim ministru, fis-snin 1947-48. Meta kien ministru tal-affarijiet



barranin (1948-52) huwa ppropona u eżegwixxa l-hekk imsejjaħ "*Schuman Plan*" (1950) għall-unità ta' l-Ewropa u ħadem ħafna għat-twaqqif ta' komunità ewropea tal-faħam u ta' l-azzar. Fis-snin 1958-60 Schuman kien president tal-Assemblea tal-Kommunità Ekonomika Ewropea.

### *De Gasperi, Alcide (1881-1954)*

Irċieva l-edukazzjoni fl'Università ta' Vjenna, wettaq attività ta' ġurnalista mal-gazzetta "*Il Nuovo Trentino*" li tagħha sar ukoll editur. Mill-1911 sal-1918, De Gasperi kien membru tal-Parlament ta' l-Awstrija. Meta s-Sud Tirol, wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, ġie anness ma' l-Italja, De Gasperi sar membru tal-Kamra tad-Deputati Taljana, fejn dam sal-1924. Peress li huwa kien oppona d-dittatorjat faxxista ta' Benito Mussolini, fl-1926 ġie mitfuħ fil-ħabs minħabba attivitajiet politiċi, iżda ġie illiberat fl-1929, u ġie mpiegat fil-Biblioteka Vatikana.

Wara l-waqgħa tal-Faxxisti, De Gasperi kien wieħed mill-fundaturi tal-Partit Demokratiku Kristjan; ġie elett fil-Parlament u mill-1944 sal-1945 kien ministru tal-affarijiet barranin; imbagħad bħala prim ministru mexxa gvernijiet ta' koalizzjoni li ġew iffurmati wieħed wara l-ieħor, u mexxa il-Gvern Taljan sa Lulju tal-1953. Kien magħruf għall-oppożizzjoni tiegħu għall-komuniżmu u l-kollaborazzjoni mill-qrib mad-demokraziji tal-punent.

Illum qegħdin naħsdu l-frott ta' din is-siġra li ħawlu dawn il-persunaġġi magħrufa għad-dehen u l-ħarsa fil-bogħod li kellhom.

Nittamaw u nitolbu li t-tamiet u l-fehmiet ta' dawn li semmejna u ħafna oħrajn bħalhom anke fil-ġejjieni ikunu ta' veru ġid għall-Kontinent il-Ġdid li tiegħu aħna membri.

## 2. L-ONOR. GIOVANNA DEBONO, MINISTRU GĦAL GĦAWDEX

### *Onorevoli, kif tħares lejn id-dħul ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' Għawdex?*



L-Unjoni Ewropea tfisser opportunitajiet ġodda, f'ħafna oqsma differenti, mhux biss għall-gżira tagħna ta' Għawdex imma wkoll għal pajjiżna. Malta u Għawdex, minkejja ċ-ċokon tagħhom, ingħataw importanza xierqa matul in-negozjati ma' l-Unjoni Ewropea. Il-Gvern Malti mexxielu jakkwista sebgħa u sebgħin deroga jew permess speċjali li jqisu r-realtà tal-gżejjer tagħna – akkwist importanti ferm meta tikkonsidra li din il-familja ta' pajjiżi tat importanza speċjali lil dak il-pajjiż li kien se jkun l-iżgħar membru fost ħamsa u għoxrin.

L-Unjoni Ewropea hija eżattament hekk. L-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi li jeżisti diżlivell fl-iżvilupp ekonomiku bejn pajjiżi, u saħansitra reġjuni fl-istess pajjiż, u tfittex li ġġib lill-membri tagħha fuq livelli ndaqs ta' żvilupp ekonomiku filwaqt li tirrispetta d-diversità tagħhom. Għawdex huwa każ tipiku. Għalkemm il-livell ta' żvilupp ekonomiku ta' Malta bħala pajjiż huwa inqas minn dak tal-pajjiżi membri, il-livell ekonomiku ta' Għawdex bħala gżira huwa inqas minn dak tal-gżejjer Maltin bħala total. Malta bħala pajjiż ingħatat għajnuna u attenzjoni speċjali. Għawdex, bħala reġjun, ingħata l-għajnuna meħtieġa biex jibda miexi fit-triq li jsib ruħu f'qagħda ta' żvilupp ekonomiku aħjar matul is-snin.




Il-futur ta' Għawdex u l-poplu Għawdxi, b'Malta fl-Unjoni Ewropea huwa tassew promettenti. Is-sehem tal-Ministeru għal Għawdex fin-negozjati ma' l-Unjoni Ewropea wassal biex Għawdex issa huwa garantit sehem dirett mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea. Għawdex ser jakkwista 8.6 miljun Ewro minn Fondi Strutturali u 2.8 miljun Ewro minn Fondi ta' Koeżjoni għall-perijodu 2004-2006. Dawn il-fondi ser jintużaw għal diversi proġetti li l-Ministeru għal Għawdex diġà identifika u beda jwettaq ix-xogħol preparatorju fuqhom, wara li ħtarna l-Kumitat Reġjonali għall-Proġetti f'Għawdex li approva b'mod unanimu l-lista ta' proġetti li konna identifikajna.



Minbarra l-fondi diretti għal Għawdex, Għawdex ser jibbenefika wkoll minn skemi u miżuri ta' *support* l-istess bħall-bqija tal-gżejjer Maltin.

It-triq li Għawdex jista' jimxi hija twila. Dan huwa possibbli grazzi għad-deċiżjoni għaqlija li ħa l-Gvern preċedenti – dik li jerġa' jattiva l-applikazzjoni ta' Malta għad-dħul fl-Unjoni Ewropea. In-negozjati li segwew ingħataw l-approvazzjoni tal-poplu Malti, u għalhekk illum il-Maltin u l-Għawdxin huma assigurati mill-għajnuna li ser tagħtina l-Unjoni Ewropea u li mhix ser tieqaf fl-2006. Minkejja l-investiment qawwi ta' miljuni ta' liri li ser tagħtina l-Unjoni Ewropea u l-miljuni l-oħra li ser jinvesti l-Gvern Malti għall-ġid ta' Għawdex, huwa wisq improbabbli li Għawdex ikun laħaq il-livelli ekonomiċi ta' Malta jew tal-pajjiżi l-oħra sa l-2006, jiġifieri fi ftit inqas minn sentejn. Jiena ċerta li hekk kif aħna bħala poplu nafu nkunu determinati sabiex inwettqu l-aħjar għal pajjiżna, hekk nibqgħu nagħmlu matul is-snin li ġejjin, din id-darba mhux iktar f'tarf ta' kontinent dejjem jingħaqad imma madwar il-mejda tad-deċiżjonijiet.



## 3. L-ONOR. DR. ANTON REFALO, M.P.

***Onorevoli, kif jaħsibha l-Partit Laburista fuq id-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea għal dak li jirrigwardja Għawdex.***

Kif saħaq kemm il-darba il-Mexxej Laburista, u konformi mad-deċiżjoni li ħadu id-delegati fil-Konferenza Ġenerali tal-Partit Laburista, minkejja li t-triq li qbadna għal uħud tista' tidher bħala sfida diffiċli, issa huwa fid-dmir ta' kulħadd li bil-kelma tiegħu jikkonvinċi 'il dawk li forsi għadhom ma fehmux ir-realtajiet ġodda li fihom daħal pajjiżna. Issa li l-poplu ddeċieda li pajjiżna jibda jagħmel parti mill-UE, mhux fl-interess tal-ħaddiema u tas-*self-employed* illi l-Partit Laburista jgħid li lest li joħroġ lil Malta mill-UE meta jkun fil-gvern.

Il-Partit Laburista b'konformità mal-politika aġġornata tiegħu dwar Malta u l-UE, qiegħed jippreżenta 8 kandidati għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew. Il-mira ta' dawn it-8 kandidati hija ċara - dik li fi ħdan l-istituzzjonijiet ta' l-UE jħarsu bl-iktar mod qawwi l-interessi ta' pajjiżna u tal-familji Maltin u Għawdxin.

Fid-dawl tal-isfidi elettorali li l-pajjiż dieħel għalihom, huwa mill-iktar importanti li l-Partit Laburista jkollu kemm jista' jkun rappreżentanti tiegħu fil-Parlament Ewropew. B'hekk, il-vuċi tal-Partit Laburista tingħaqad ma' dik tas-Soċjalisti Ewropej biex fost l-oħrajn ikun assigurat li Għawdex jitmexxa b'politika reġjonali li twassal biex ikunu sostnuti l-impjiegi għall-Għawdxin, fost l-oħrajn fit-turiżmu, fil-biedja u sajd u fil-ħidma artiġjanali.



Fid-dawl ta' dan kollu, il-pjan tal-Partit Laburista huwa li jwaqqaf *unit* bil-għan li jimmoniterja l-iżviluppi li jkunu għaddejjin biex Għawdex jilqa' għall-iżvantaġġi ta' sħubija fl-UE filwaqt li jibbenefika mill-vantaġġi li jista' jkun hemm.



Il-Partit Laburista jemmen li hemm spazju sħiħ għal ħidma industrijali f'Għawdex. Bħala membru ta' l-UE, pajjiżna għandu jisħaq li l-industrija Għawdxija għandha tingħata inċentivi speċjali għaliex din tħabbat wiċċha ma' ċerti żvantaġġi. Fl-istess ħin hemm bżonn ta' ħidma biex ikunu attirati lejn Għawdex industriji ġodda. Dan jista jseħħ jekk ikun hemm impenn. Kif fl-imgħoddi l-qasam industrijali tax-Xewkija kien joffri impjieg anki lil 2,000 persuna, hekk ukoll jista' jagħmel fiż-żmien li ġej.

Il-Partit Laburista jrid li Għawdex jerġa' jqum u mhux jibqa' deżert kif illum qed jgħidu li huwa dawk li jaħdmu fil-qasam tal-kummerċ u tat-turiżmu.

## 4. DR. MICHAEL CARUANA LLD, PRESIDENT TAL-KAMRA TAL-KUMMERĊ T'GĦAWDEX.



***X'ser ikun l-effett fuq Għawdex bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea? Jew aħjar: Kif is-sħubija ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropeja ser taffettwa l-industrija u l-kummerċ f'Għawdex?***

Is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea ser tolqot lil Għawdex bl-istess mod li tolqot lil Malta fil-maġġior parti taċ-ċirkustanzi. Madankollu, hemm diversi elementi oħra li ser jolqtu aktar lil Għawdex għas-sempliċi raġuni li Għawdex hu reġjun maqtugħ għalih u dan il-fatt joħloq ċerti ċirkustanzi li jiżvantaġġjawh.

Dan l-element ta' insularità doppja jħalli lil Ghawdex fi żvantaġġ ekonomiku u soċjali minn dak ta' Malta, u għalhekk wieħed għandu għaliex jippretendi bi dritt li Għawdex għandha tingħatalu għajnuna speċjali u partikolari sabiex dawn l-elementi li jiżvantaġġjawh mill-kumplament ta' Malta, iżjed u iżjed mill-kumplament ta' l-Ewropa. għandhom jiġu ndirizzati u newtralizzati bl-aħjar mod u fl-inqas żmien possibbli.

Fost il-prinċipji fundamentali tal-politika Ewropea, nsibu li l-għixien taċ-ċittadini Ewropej għandhom ikunu kważi tal-istess livell madwar l-Unjoni Ewropea kollha, u għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea għandha tagħti l-għajnuna tagħha sabiex il-livell ta' għixien ġewwa Ghawdex ikun l-istess livell ta' pajjiżi oħra. Naturalment, meta wieħed jifli sew l-iżvantaġġi li ngħaddu minnhom aħna l-Ghawdxin, li qed ixekklu b'mod konkret illi xi darba nistgħu nkunu kkunsidrati fuq l-istess livell ta' għixien bħal Malta, jista' jkun wieħed remot. Il-fatt li Għawdex huwa maqtugħ mill-kumplament ta' Malta joħloq ħafna ostakli għal kull min irid jinvesti f'Ghawdex bil-konsegwenza li jkun hawn nuqqas ta' opportunitajiet għax-xogħol u mpjiegi li eventwalment jissarraf ukoll f'nuqqas ta' negozju. Għalhekk għal Ghawdex hemm bżonn li tiġi mfassla strateġija mgħejjuna mill-istat Malti kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea, sabiex wieħed jindirizza l-problema ta' opportunitajiet tax-xogħol li sfortuntament qegħdin inbatu minnha. Hawnhekk wieħed irid jindirizza din il-problema billi janalizza sew x'tipi ta' investiment u ndustrija jiflaħ Għawdex sabiex jiġġenera l-impjiegi tant meħtieġa għal Għawdex. Mill-banda l-oħra l-industrija tat-turiżmu, kif ukoll l-industrija tal-agrikoltura, għandhom jiġu msaħħa u mgħejjuna sabiex ikunu jistgħu jilqgħu għall-impatt li ser jiffaċċjaw hekk kif Malta tissieħeb fl-Unjoni Ewropea.



Għalhekk biex nilqgħu għall-impatt ta' sħubija li ser jolqot bi sħiħ is-setturi ekonomiċi u soċjali ta' Għawdex, hemm bżonn li nkunu ippreparati sew sabiex dan l-impatt ma jkissirx il-ftit industrija li teżisti ġewwa Għawdex. Hemm bżonn li dawn l-iżvantaġġi li ser jolqtuna nindirizzawhom b'maturità, ħalli naraw liema jkun l-aħjar mod li ninnewtralizzaw l-impatt tagħhom. Mill-banda l-oħra, rridu nitgħallmu b'liema mod wieħed jista' jikseb xi vantaġġi jew għajnuna mill-Unjoni Ewropea, ħalli nkomplu ntaffu l-iżvantaġġi li jolqtuna, speċjalment meta wieħed jikkunsidra ċ-ċokon tal-gżira għawdxija fil-konfront ta' pajjiżi u ekonomiji tant b'saħħithom fl-Unjoni Ewropea.






LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA — Minn Ġorġ N. Cassar

# TAL-BIŻA' L-VJOLENZA!

***Ġorġ Pisani, li għal ħames snin għallimni l-Malti fil-Liċeo, darba tana x'nifhmu , lili u'l sħabi tal-klassi ,li x-xjenzjati ma jdumux ma jivvintaw strument li bih jaqbdu l-ilħna u l-ħsejjes li ilhom żmien li ntilfu fl-arja. Hekk, niftakru jgħidilna biex jagħtina eżempju, għad nisimgħu l-vuċi ta' Kristu hu u jippriedka bl-Aramajk lill-folol ta' żmienu. Fil-fehma tiegħi, kieku dan l-istrument meraviljuż kellu jiġi f'idejna, bla dubju, titfi ħsejjes oħra, tinstema' l-karba ta' miljuni ta'nies innoċenti, li sfaw vittma tal-vjolenza li ilha tħammar fostna sa minn żmien Kajjin.***



## *Fil-familja*

L-ewwel post li fih x'aktarx nibdew induqu l-vjolenza hija d-dar, fejn bir-raġun ma nistennewx għajr kenn, għożża u mħabba. Issib ġenituri li għandhom idejhom ħfief u jsawtu addoċċ - probabilment kienu huma nfushom li laqqtuha meta kienu għadhom jitrabbew. Mhux darba u tnejn li fil-familja ssib ambjent ostili, klima ta' ġlied u tilwim. Hawn min jgħid li d-dar saret l-iktar post perikoluż fis-soċjetà moderna. Min jista' jgħid kemm delitti moħbija jsiru bejn l-erba' ħitan tad-dar, kemm -il tarbija, li għadha tikber f'ġuf ommha, sabet min jitfihielha bla ħniena u jċaħħadha mid-dritt għall-ħajja? Ta' min isemmi wkoll ix-xeni vjolenti li jsiru ta' kuljum ġewwa d-djar magħluqa. Jidħol ir-raġel xurban u arah isabbat u jkisser u jagħmel l-isbaħ xenati; jew jiġi lura mix-xogħol u għax forsi jkun qala' ħasla mill-imgħallem, jiżvoga l-korla tiegħu fuq martu. L-ikbar vittmi tal-vjolenza fil-familja huma t-tfal żgħar u warajhom jiġu n-nisa.

Ma naħsibx li l-qarrej sa jixlini li qed inrewwaħ il-vjolenza domestika jekk hawnhekk nikkwota għanja ċkejkna; biex ma ntellfilhiex il-gost tagħha, sa nħalliha bl-Ingliż kif niftakarha:

> *"A woman, a horse and a hickory tree,*
> *The more you beat 'em, the better they be."*

## *Fil-lingwa*

Meta l-bniedem jisbel, ma tridx wisq biex joħroġlok b'espressjonijiet vjolenti, xi drabi vulgari. Meta nitkejlu ma' popli oħra, jista' jkun li f'dil-materja ma noħorġux bl-unuri, imma fil-lingwaġġ Malti żgur għandna litanija sħiħa ta' theddid li nisimgħuh sikwit iżarżar f'widnejna. Nagħti erba' eżempji bil-għadd: "Nirrah ilsienek jinxef, u nirrak tmut zoptu; sa nifqagħlek għajnejk u nfarraklek snienek." Meta tisma' dal-kliem iebes jagħtik li tgħid li fil-karattru malti hemm iż-żerriegħa tal-vjolenza. Imma dat-theddid , vjolenti kemm hu vjolenti, huwa biss riżultat ta' għadab li jrid jisbroffa. Żgur li m'huwiex xi għamla ta' sadiżmu. Wara kollox, nismagħhom jgħidu li aktar għandek tibża' mill-kelb il-mutu milli minn dak li jinbaħ.

## Fl-iskola

Il-vjolenza, bħal ħaxixa ħażina, issibha kullimkien. Idħol fi skola u ġie li tara mġiba kattiva li xi kultant twassal għall-vjolenza. Tiltaqa' ma' studenti keshin li jilagħbuha tal-bulijiet ma' sħabhom li jinzertaw kemmxejn ġwejdin. Jibdew bit-tgħajjir, bil-laqmijiet jew b'xi forma ta' nkejja fit-tul li ddejqek u tmarrdek. Dal-bullijar jiddelettaw bih anki l-bniet, imma fil-każ tagħhom x'aktarx jaqgħu għall-abbuż emozzjonali. Fil-klassi taf issib għamla oħra ta' vjolenza, fina fina: jingħadu kummenti satiriċi u offensivi li jolqtu fil-laħam il-ħaj u jweġġgħu iktar minn xebgħa sawt.

## Fil-folla

Noħorġu barra u mmorru naraw logħba futbol. Meta l-partitarji taż-żewġ timijiet, l-aktar dawk ta' rashom sħuna, jirvellaw fuq xi ħmerija, kapaċi jiġu fl-idejn daqs tazza ilma u xi drabi jispiċċaw bil-vandaliżmu. Il-qiegħa ġie li rajnieha tisħon anki fil-festi reliġjużi tagħna l-Maltin. Tabilħaqq, meta n-nies tinġema' u tiffolla, l-individwu donnu jitlef l-identità tiegħu u jiddakkar f'kemm ili ngħidlek mill-imġiba ta' l-oħrajn. Waħdu ma jitniffisx; fil-folla jinsa lilu nnifsu u jintefa' mal-kurrent. Min studja l-psikoloġija tal-massa, jaf kemm il-folla tista' teċċitaha bix-xejn u twassalha biex taġixxi fuq l-impulsi primittivi.

## L-agħar vjolenza

M'hemmx dubju li l-agħar vjolenza hija dik tat-terrorista fanatiku. Dal-bniedem issibu aggressiv minn qaddisu, moħħu marid, qalbu mimlija mibegħda, m'għandu l-ebda rispett lejn il-ħajja umana, lest li jidrob fejn ġie ġie u joqtol kiesaħ u biered, akkost li jmut 'martri' huwa wkoll; f'għajnejn qrabatu jsir l-iprem eroj. Jinqeda b'ittri jew karrozzi bomba, b'sabutaġġi u b'sekwestri; jista' jlaqqatha kulħadd, ibda minn xi ras kbira u spiċċa fin-nies komuni mexjin fit-triq għal xogħolhom. Flok individwu wieħed, ġie li titfaċċa xi setta militanti li jkollha l-barka u l-appoġġ ta' l-ogħla awtorità tal-pajjiż. Nies ta' qattagħni bħal dawn bilfors inisslu biża', inċertezza u ansjetà fost il-poplu li fil-biċċa l-kbira tiegħu



jixtieq jgħix fis-sliem. "Oqtol bniedem u twerwer elf." qal żmien ilu wieħed ġeneral Ċiniż. Terrorista li jiġi fuqna ħabta u sabta bil-vjolenza kollha jasal biex iwerwer il-miljuni.

## L-għeruq tal-vjolenza

Dil-vjolenza li nsibuha anki f'pajjiżi li jiftaħru b'ċiviltà qadima mhux faċli li teqridha. Biex trażżanha, flok il-frieghi, trid tqaċċtilha l-għeruq. L-għeruq huma l-inġustizzji. Hemm pajjiżi sħaħ fejn il-ftit għandhom il-ħela u x-xaba' waqt li l-ħafna jninu bil-ġuħ. Naqraw b'mexxejja bħal Gandhi u Mandela li riedu jeqirdu l-inġustizzja bla ma jaqgħu għall-arma tal-vjolenza. Imma meta tgħaddi ħajtek kważi bi stonku vojt, jew qalbek muġugħa, meta tinsab iddisprat għax drittijietek huma mirfusa, jagħtik li tfur u tonfor u tipprotesta bil-qawwi, li tirribella u tipprova tieħu bil-forza dak li ħaqqek. L-istorja ssemmilna diversi pajjiżi li biex ħelsu mill-ħakma aggressiva tal-barrani kellhom jaqgħu għall-vjolenza li swititilhom ħafna tixrid ta' dmija.

Il-vjolenza hija arma tassew perikoluża li ma tafx fejn sa twasslek. Dsatax-il terrorista fanatiku ħolqu pjan djaboliku u f'temp ta' siegħa waslu biex għamlu l-akbar straġi fil-qalba ta' l-Amerika. Dak kien il-bieraħ. Għada, pitgħada, terroristi oħra, armati sa snienhom aktar minn ta' qabilhom, jistgħu jġibu diżastru sħiħ fil-qalba ta' l-umanità, u d-dinja jġibuha tassew globu.





CEFAI
FORMAL WEAR



Servizz ta' kiri ta' *suites* għall-Magħmudija, l-Ewwel Tqarbina, Griżma, Żwieġ, Funerali, u għal kul okkażjoni oħra.

- *Suits ta' l-irġiel u tat-tfal*
- *Żraben tal-irġiel u tat-tfal*
- *Żraben bojod għall-Preċett*
- *Kpiepel tan-nisa*
- *u l-aċċessorji li jkollok bżonn għall-okkażjoni speċjali tiegħek*

Aħseb kmieni!

81, St. Bert Street, Xewkija Tel: 21550372

D-Bar Cafè
Pan Pizza, Pasta
& Home-made
Cooking
St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2155 6242 • Mob: 7942 7014

Laurienne's
Hair Salon



*For all Occasional Styles & Make-up*

St. Anthony Street, *(corner with)* Zewwieqa Street,
Ghajnsielem, Mgarr, Gozo. Mgarr, Gozo.
Tel: 2155 0711, 2155 2550, Mob: 7904 5896

## *APPREZZAMENT*

# MONS. CARMELO XUEREB
# *(1914-2004)*



*Mons. Carmelo Xuereb, iben Antonio u Regina nee' Cassar, twieled ir-Rabat Għawdex nhar is-6 ta' Mejju 1914 u ġie mgħammed l-għada is-7 ta' Mejju fil-Knisja Parrokkjali illum Bażilika u Kolleġġjata ta' San Ġorġ. Fil-magħmudija ngħata l-isimijiet ta' Carmelus, Georgius, u Franciscus. Il-parrini kienu nannuh Carmelo Xuereb u z-zija t'ommu Ġorġa Cassar. Studja fis-Seminarju Veskovili t'Għawdex u ġie ordnat saċerdot fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fit-18 ta' Mejju 1940 fl-età ta' 26 sena mill-Isqof t'Għawdex Mons. Mikiel Gonzi.*

*L-ewwel ministeru pastorali tiegħu bħala saċerdot novell wettqu fil-parroċċa ta' Santa Margerita ta' Sannat fejn kien l-id il-leminija ta' zijuh, l-Arċipriet ta' dak iż-żmien Dun Gużepp Cassar. Fatt marbut ma' din il-ħidma kien l-assistenza li ta lill-feriti u moribondi fl-attakk li kien sar fuq ir-raħal ta' Sannat fi żmien il-gwerra u li kien ħalla diversi vittmi. Wara l-gwerra stinka biex jagħti ħajja ġdida liċ-Ċirkolu tal-post. Meta kienet qed titpitter il-Knisja Parrokkjali ta' Sannat mill-pittur Tuse Busuttil Dun Karm ta s-sehem tiegħu. Fid-19 ta' Frar tal-1950 inħatar Vigarju Kurat tal-parroċċa ta' Sannat mal-mewt ta' zijuh l-Arċipriet. Bħala rikkonoxximent tal-ħidma tiegħu pastorali Mons. Pace Isqof t'Għawdex ħatru Monsinjur Koadjutur tal-Kapitlu Kattidrali nhar l-24 ta' Mejju 1954 u fit-3 ta' Jannar 1959 sar effettiv. Fi ħdan il-kapitlu Mons. Xuereb okkupa l-kariga ta' prokuratur tal-knisja u tal-prebendi ta' l-istess kapitlu.*

*F'dan iż-żmien ukoll Mons. Xuereb wettaq ħidma pastorali fil-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar qabel ma din il-parroċċa ġiet imwaqqfa. Hu ġie maħtur Rettur tal-Knisja tal-Munxar fit-18 ta' Mejju tal-1947 fi żmien meta kien għadu jokkupa l-kariga ta' viċi-parroku ta' Sannat. Dun Karm żamm din il-kariga ta' rettur tal-Knisja tal-Munxar sakemm inħatar l-ewwel kappillan ta' din il-parroċċa fit-8 ta' Marzu tal-1959.*

*Prova ta' kemm kien miġjub mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi kien il-fatt li kemm-il darba ġie maħtur vigarju ekonomu meta kienet tiġi vagata xi parroċċa.*

*Dan seħħ diversi drabi fil-parroċċi tal-Għasri bir-riżenja tal-Kappillan Vella, dik tal-Qala bil-mewt tal-istess Arċipriet Vella, kif ukoll f'dik tax-Xewkija fl-1971 bil-mewt tal-Arċipriet Gużeppi Grech. Hawn ukoll Dun Karm ta l-pussess lil nepputih Dun Karm Mercieca bħala Arċipriet tax-Xewkija fi Frar tal-1972.*

*Mons. Xuereb kien bniedem ħabrieki u dejjem ta s-sehem sħiħ tiegħu kull fejn kien jiġi mitlub, u baqa' attiv pastoralment sakemm saħtu ppermettitlu. Ta' min isemmi ukoll li kien ħabib u benefattur kbir ta' din ir-rivista, "Il-Ħajja f'Għawdex". Ġimgħatejn qabel miet bgħatilna offerta ta' Lm10 għall-ispejjeż tagħha. Dan kien jagħmlu dejjem fir-Randan u f'Novembru ta' kull sena.*

*Mons. Xuereb miet fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex is-Sibt 5 t'April u l-funeral sarlu fil-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ it-Tnejn 7 ta' April 2004 u tmexxa minn nepputih Mons. Carmelo Mercieca, Arċipriet tax-Xewkija, bil-parteċipazzjoni ta' numru kbir ta' saċerdoti. Jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija fix-Xewkija fil-qabar tal-familja.*

**Agħtih, O Mulej, il-Mistrieħ ta' Dejjem.**

***Dun Eddie Zammit***



**VERSI RIFLESSIVI**

## *Siegħa Serħan*

*Wara ġurnata rxiex,*
*ċlampu, ċaflis, tiżlieq,*
*feġġet ix-xemx lubiena,*
*minn wara s-sħab, ħosbiena,*
*li daqstant nies illum,*
*igergru u bil-geddum,*
*x'ħin naqsu milli jgawdu*
*ta' Mejju r-raġġ sħun;*
*ilkoll xlewha bil-ħtija,*
*li mank dehret għal siegħa.*

*Għalhekk f'tegħmiża ħalfet*
*li tpatti f'dak il-waqt:*
*u s-sema roża daqt,*
*bi truf is-sħab fiddien,*
*iħenni kullimkien.*

*W għanniet il-bilbla fl-arja,*
*u mal-bebbux fil-ġnien,*
*ħarġu l-ħlejjaq kollha.*
*U ħadet nifs il-folla*
*kif straħet mal-ħolqien.*

*Sa x-xemx bexxqet għajnejha,*
*il-Belt meddet riġlejha*
*b'pass ħieles, ħafif sew;*
*għax iċ-ċpar u ċ-ċfales ġew*
*wara serħan ta' siegħa!*

## *F'Jum l-Omm.....*

*Filgħodu...*
*qtajt erba' wardiet*
*minn erba' xitliet,*
*u bilġri mort bihom*
*lil ommi nagħtihom.*

*Għidtilha...*
*F'dil-ħamra mħabbti*
*nagħtik mingħajr tlabtni.*
*F'dil-bajda l-ferħ tiegħi*
*nixtieq taqsam miegħi.*
*Dil-vjola hi t-tbatija*
*li sħiħ ġarrabt għalija;*
*u s-safra biex turini*
*f'liem' triq int trid tmexxini.*

*Dan kollu seħħ f'Mejju,*
*F'Jum l-Omm l-iżjed ħlejju.*



## *X'nista' Noffrilek?*

*Ma, ma ġibtx miegħi rigali,*
*m'għandix wisq x'nista' nagħtik.*
*Ġibtlek biss dil-karta ċkejkna,*
*tgħidlek hi x'nixtieq u rrid.*

*L-ewwelnett li nħobbok wisq,*
*u nixtieqlek hena u risq.*
*Flimkien magħhom għomor twil,*
*u li bużnanna wkoll issir.*

*F'qalbi tiegħu l-ewwel post,*
*lilek nobdi, nagħtik gost.*
*Fost kemm hawn nisa fuq l-art,*
*għalik l-isbaħ bukkett ward!*

*Għażiż dan il-jum għalik!*
*Fih nwegħdek; ma ninsikx!*

***Francis Sultana***

*Fix-Xahar ta' Mejju nqimu lill-Madonna u nitgħallmu minnha*

# FL-ISKOLA

## Siltiet mill-ktieb oriġinali ta' Patri William



### MARIJA U L-IRĠIEL

Alla l-Missier ta 'l Marija għal kulħadd, kemm għall-irġiel u kemm għan-nisa. Imma l-iżjed li taha għall-irġiel, kif ta lil Ġesù għal kulħadd, imma l-iżjed għan-nisa.

♦ Marija, bis-safa tagħha, terfa' ħsibijiet l-irġiel lejn il-ħwejjeġ tas-Sema.

♦ Meta l-passjonijiet sesswali jaħkmu fihom, il-ħsibijiet ta' Marija fil-pront tberridhomlhom.

♦ Marija... Omm u Verġni, meta l-irġiel jiftakru fiha, jew jerfgħu għajnejhom lejn xi xbihat tagħha... żgur tagħmilhom kapaċi jikkontrollaw għajnejhom.

Marija ġġagħlhom ma jħallux il-passjonijiet sesswali jiġru bihom quddiem rivisti pornografiċi, televiżjoni u internet, meta jippreżentaw xeni moralment oġġezzjonabbli...



### FAWWARA TA' HENA BLA QIES

♦Marija, dik li nsejħulha "Bidu tal-Ferħ tagħna", ma setax jonqos li tkun mara ferħana, mimlija hena.

♦Il-ferħ ma jfissirx daħk u tiċrit il-ħalq. Il-ferħ nistgħu nħaltuh mal-paċi u mas-sliem, biex nifhmuh.

♦ Il-ferħ tal-bniedem jinsab filli jagħmel ir-rieda qaddisa t'Alla f'ħajtu.

Marija kienet għassa fuqha nfisha biex tħares il-Kelma t'Alla. Minħabba din ir-raġuni, kienet tħoss fiha nfisha u tarmi ferħ kbir madwarha. Ara fil-Vanġelu iż-żjara tagħha għand Eliżabetta u Żakkarija (Lq. 1, 46-55), u l-ħlas tagħha fl-Għar ta' Betlehem (Ġw. 16.21)

### MARIJA XEMPJU GĦAN-NISA



♦ Ninsabu f'kultura fejn jeżisti moviment soċjali qawwi. Insejħulu l-avvanz tal-mara fi żmienna. Uffiċjalment huwa magħruf bħala emanċipazzjoni u l-promozzjoni tal-mara.

♦ Marija hija l-iżjed mara emanċipata u promossa li qatt dehret fid-dinja.

♦ Kien Alla nnifsu li rieda bla tebgħa sa mill-bidunett tat-tnissil tagħha u bla dnub matul ħajjitha kollha.

♦ Marija hija l-imbierka fost in-nisa (Lq. 1, 42), il-mimlija bil-grazzja, (Lq. 1, 28) il-preferuta t'Alla, dik li ma kenitx taf x'inhu ħażen. Din emanċipazzjoni! Dik promozzjoni!

♦ Inħoss li Marija lin-nisa tgħidilhom: "Ifirħu bl-emanċipazzjoni u l-promozzjoni soċjali tagħkom. Imma tinsewx. L-avvanz soċjali, mingħajr avvanz spiritwali, ma jiswielkom proprju xejn."

### KONTEMPLATTIVA FL-AZZJONI



♦ Għalkemm irridu nsibu waqt biex nirriflettu fuq il-kelma t'Alla, ma rridux ninsew, fl-istess ħin, li rridu nkunu kontemplattivi saħansitra fl-azzjoni, ħalli l-ħajja ordinarja tagħna naqilbuha f'waħda straordinarja.

♦ Min iħobb lil Alla, kapaċi jiltaqa' miegħu u jħossu jaħdem fih, anki waqt ix-xogħol.

Alla kien ikellem lil Marija, anki waqt li kienet tkun tfarfar, issajjar, tonxor, tifrex, teduka 'l Binha u tħobb lil Ġużeppi bħala żewġha.

**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**

# TA' MARIJA

## "Maratona ma' Marija"

Axiaq O.F.M. Kap

### QADDISA FIŻ-ŻWIEĠ U L-FAMILJA



♦ Ħafna drabi nibqgħu meraviljati bil-ħajja qaddisa ta' Marija ta' Nazaret u ninsew li tqaddset f'ħajjitha bis-saħħa tal-ħajja miżżewġa u familjari tagħha. Ħadd ma jitqaddes fil-baħħ. Kulħadd jitqaddes fiċ-ċirkostanzi ordinarji tal-ħajja tiegħu.

♦ Hekk ġara fil-każ ta' Marija.

♦ Tqaddset fir-relazzjonijiet tagħha ma' Ġużeppi, li kienet tħobbu mhux bħala raġel kwalunkwe, imma bħala żewġha, kif tassew kien.

♦ Tqaddset bl-impenn tagħha biex teduka lil Ġesù huwa u jikber. Nibqgħu ċerti li kellha d-diffikultajiet tagħha f'dan il-qasam. Mhux kollox kien ward u żahar għaliha.

♦ Tqaddset mhux minkejja l-ħajja miżżewġa u familjari, imma bis-saħħa ta'dawn iż-żewġ għamliet ta' ħajja li għexithom taħt saqaf wieħed ma' żewġha u Binha.

♦ Marija ħabbet ħafna 'l Alla fiż-żwieġ u fil-familja...

♦ Kulħadd irid iħares lejn Marija u jipprova jagħmel bħalha. Imma l-iżjed min hu miżżewweġ u għandu r-responsabiltà tal-familja.



### MARIJA BNIEDMA TA' SKIET ATTIV

♦ Marija ta' Nazaret kienet bniedma ta' skiet attiv... Fl-Evanġelju, is-skiet tagħha huwa elokwenti, ikellmek bla diskors.

♦ Ma setgħetx tkun mara kontemplattiva kieku fil-fatt ma kenitx silenzjuża. Kellu raġun l-għaref San Tumas t'Akwinu (1225-1274) jgħid: "La tkunux lablaba u anqas kurjużi, jekk tridu tkunu perfetti."

♦ Il-Madonna ma kinetx mara li tħobb it-tpaċpiċ bla bżonn. Kienet persuna miġbura fiha nfisha ħerqana għall-aħħar biex tikber fl-imħabba t'Alla.

♦ Marija Omm Ġesù, għax kellha qalbha battala għal kollox mill-interessi tagħha stess, setgħet tagħmel spazju sieket lil Alla, fil-fond ta' qalbha. Billi f'qalbha ma kienx hemm konfużjoni u diżordni, din kienet akustikament intonata għall-Kelma t'Alla. Il-messaġġi tal-Mulej kienet tismagħhom b'mod distint u ċar, u setgħet tpoġġihom fil-prattika bħallikieku xejn.

### IL-MADONNA U T-TĦASSIB TAL-ĦAJJA



Għamilna żmien inħarsu lejn Marija ta' Nazaret bħala mara li qisha qed tgħidilna "Arawni, imma tmissunix".

Aħna kien moħħna wisq fil-privileġġi singulari tagħha... Ma rridx ngħid li għamilna ħażin, imma ma għamilniex tajjeb għal kollox.

MA NAQTGĦUHIEX MILL-ĦAJJA TAGĦNA TA' KULJUM.

♦ Lil Marija rridu nniżluha minn fuq il-bradella u l-pedestall u nġibuha spalla ma' spalla magħna, mingħajr b'hekk ma nnaqqsulha xejn mill-kobor tagħha.

♦ Kemm naħsbu fuq Marija u l-problema ta' l-emigrazzjoni li kellha tħabbat wiċċha magħha?

♦ Kemm naħsbu fuq il-fatt li Marija ġarrbet id-diffikultajiet ta' mara rifuġjata fl-Eġittu?

♦ Kemm naħsbu fuq li Marija kellha taffronta l-ħajja bħala persuna li romlot kmieni fiż-żwieġ tagħha u kellha tibqa' tfendi għal rasha, għax anki l-uniku tifel li kellha, ħallieha biex jagħti ħajtu għalina!

# Minn Rumanzier għal Traduttur

### *"Minn Sotto il Monte għall-Vatikan", maqlub għall-Malti minn Mons Albert Curmi, 2003, 140pp, Lm2*

Wara li xi ftit tax-xhur ilu Mons Albert Curmi, Rettur tal-knisja tal-Madonna ta' Pompej, Victoria, kien tana r-rumanz ħelu "***Għaliex!***", xi xhur ilu temm jittraduċi f'ilsienna l-ħajja tal-Papa tat-tbissima, il-Qdusija tiegħu Ġwanni XXIII li ġie bbeatifikat nhar it-3 ta' Settembru 2000 mill-Papa attwali Ġwanni Pawlu II fi Pjazza San Pietru, Ruma, fil-preżenza ta' folla kbira ta' nies mid-dinja kollha kif ukoll għadd sabiħ ta' Kardinali u Prelati oħra ta' diversi knejjes.




"***Minn Sotto il Monte għall-Vatikan***" inkiteb oriġinarjament bit-taljan minn Leonilda Uboldi lura fis-sena 1965. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-ħajja ta' dal-Papa twajjeb tant kellha rispons tajjeb li f'medda ta' 23 sena, din reġgħet ġiet stampata għal erbatax–il darba oħra. Issa tinsab fostna anke bil-Malti, wara li dan is-saċerdot mill-Fontana, għal snin twal għalliem tat-Taljan fl-iskola sekondarja tal-Victoria, qaleb għall-Malti x-xogħol ta' din il-kittieba taljana.

Mons Curmi bena dan ix-xogħol f'39 taqsima li fihom hu niseġ l-istorja ta' persunaġġ tassew magħruf, għalkemm m'għamilx xi snin twal fuq il-kattedra ta' Pietru. Din il-pubblikazzjoni għandha stil ħafif u mexxej li ma tħallix il-qarrej iwarrab il-ktieb minn idejh qabel ikun qrah kollu. Barra minn hekk, is-suġġett tal-ktieb, il-Papa Angelo Roncalli, ħalla impatt qawwi fuq is-soċjetà tas-Seklu 20. Ir-rakkont li jibda minn twelidu u jibqa' sejjer sal-mewt, fih ġabra sabiħa tal-fatti u tal-missjoni li minnhom għadda dan il-"Papa Twajjeb" li ma kienx jiddejjaq jippassiġġa u jirraġuna mal-ġardinar tal-ġonna tal-Vatikan. Dan il-ktieb, iwassal il-ħajja ta' dan il-Papa eroj kbir li dejjem tkellem u ħaseb fl-"Aħwa Mifruda" u stinka biex jarahom ġurnata miġbura flimkien bħal "merħla waħda" taħt ragħaj wieħed, u sfida lid-dinja meta għamel il-Konċijlu Vatikan it-II li tefa' nifs ġdid fuq il-ħajja tal-Knisja Universali u nistgħu ngħidu fuq id-dinja kollha.

"***Minn Sotto il Monte għall-Vatikan***" fih tipa ċara u mhux daqstant kbira, u għalhekk il-pubblikazzjoni tiġbor dak kollu li wieħed jixtieq jaf dwar wieħed mill-aqwa papiet li kellha l-Knisja, Papa umli u fqir, iben il-bdiewa u familja numeruża, iżda wasal fejn riedu l-Mulej.

Ma narax għaliex din il-pubblikazzjoni m'għandiex issib postha f'kull familja nisranija biex issir taf iktar dwar dan il-Papa li ried iqatta' l-ewwel Milied tiegħu bħala ħabib tat-tfal u l-ħabsin. Huma ħafna r-rakkonti, l-istejjer, l-episodji u l-kurżitajiet li niltaqgħu magħhom f'dan il-ktieb ġdid li tista' ġġorru miegħek kull fejn tmur. Il-ktieb jinstab għall-bejgħ għand il-librara ewlenin jew għand l-awtur stess, Triq ta' l-Għajn, Fontana, Għawdex.

***Kav. Joe M. Attard***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Għawdex 300 sena ilu

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -125

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2004

# IL-ĦRUQ TAL-MASKLI MIĊ-ĊITTADELLA

Id-dokument numru mija u ħamsa u għoxrin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu traskrizzjoni ta' ħlas magħmul għall-ħruq ta' maskli mill-kapumastru tal-bumbardieri f'April 1704. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1703–1704), folju 27v (NAG, UG, Acta, 9/1703–1704, f. 27v).

Din li ġejja hi t-traskrizzjoni tal-pagament:

***A Mastro Giuseppe Dalli capomastro de' bombardieri di questo Castello per cento e cinquanta sei tappi di mascoli ordinarii, a grani quattro l'uno, doi coiri di montoni per l'anale, lacci, spago, e per otto tappi di mascolo d'accajo consumati in tutto l'anno: Scudi quattro, tarì due, e grani quattro.***

Il-Għawdxin ilhom ikabbru l-festi tagħhom permezz ta' l-isparar sa minn żmien żemżem, kif juri dan id-dokument ta' tliet mit sena ilu. L-isparar dak iż-żmien kien isir bil-maskli. Il-masklu kien qisu skartoċċ imdaqqas jew kanna tal-bronż jew tal-ħadid. Fin-nofs kien ikun imħawwaħ bħal skartoċċ u fil-ġenb ta' isfel kellu toqba żgħira li tasal san-naħa ta' ġewwa tal-parti mħawħa.

Il-masklu kien jiġi ikkargat billi l-ewwel tiddaħħal niċċa ħoxna daqs spaga mit-toqba tal-ġenb, it-tarf ta' ġewwa sal-qiegħ tal-parti mħawħa u t-tarf l-ieħor imdendel barra. Imbagħad nofs il-parti mħawħa kienet timtela' bil-porvli u fuq il-porvli kien jitpoġġa l-istoppin, aktarx magħmul minn kartun oħxon. Ġie li l-istoppini kienu jkunu żrar tal-franka. Kienu jiġu mrassa 'l isfel billi jballtu b'puntell. Il-puntell kien qisu virga ħoxna kemm kemm idjaq mill-parti mħawħa ħalli tidħol fiha. U kienu jsammru fuqu b'martell għax iktar ma l-porvli kien ikun imballat, iktar kien jagħmel sparatura soda.

Il-masklu kien lest biex jiġi sparat. Jekk kienu sejrin jiġu sparati wara xulxin, kienu allura jqegħduhom qrib xulxin u jroxxu serbut porvli fl-art minn miċċa għal oħra. Aktarx li ta' l-aħħar kienu jkunu qrib biex jisparaw wara xulxin fi ftit sekondi. Il-persuna nkarigata kienet tagħti n-nar lill-miċċa permezz ta' kandiletta mwaħħla f'tarf ta' qasba jew inkella lit-tarf is-serbut porvli. Il-porvli mballat kien jaqbad u jesplodi bi sparatura.

Giuseppe Dalli, il-kapumastru tal-bumbardieri tal-Kastell jew Ċittadella ta' Għawdex kien wieħed mill-espert ta' l-isparar tal-maskli. Kien hu li jispara l-maskli fl-okkażjoni uffiċċjali u ta' festi. Għal dan il-għan, bejn Mejju 1703 u April 1704, kien xtara mija u sitta u ħamsin stoppin komuni erba' ħabbiet il-wieħed, kif ukoll tmien stoppini ta' l-azzar, qishom għal xi maskli kbar għal sparatura mill-aqwa.

Barra dan kien xtara wkoll **doi coiri di montoni,** żewġ intestini ta' muntun jew musrani, li kienu jservu għall-**anale,** it-toqba tal-masklu. Jidher li l-maskli l-kbar kienu jorbtuhom b'dawn il-musrani biex jekk jinqasmu fl-isparatura ma jimlewx kullimkien bċejjeċ tal-bronż u joqtlu lil xi ħadd. Kien xtara wkoll **lacci** u **spago,** xorta ta' ħbula aktarx għall-irbit tal-maskli wkoll. B'kollox kien nefaq is-somma ta' erba' skuti, żewġt irbiegħi, u erba' ħabbiet (qrib 0.85 Ewro).

Kienu diversi l-okkażjonijiet li fihom jiġu sparati l-maskli – fosthom fil-paternoster nhar it-12 ta' Marzu, jum San Girgor, biex iħabbru li l-purċissjoni votiva sejra tinżamm; u nhar il-15 ta' Awwissu, jum Santa Marija, fil-ħamsa ta' wara nofsinhar, biex iħabbru l-bidu tat-tiġrija famuża ta' Santa Marija.



TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (27)



# L-Opra tar-Redenzjoni ta' Kristu

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

**Bil-kelma "redenzjoni" jew "fidwa" li kisbilna Sidna Ġesù Kristu, għandna nifhmu dak kollu li ġie mwettaq minnu favur il-bnedmin u għall-ġid spiritwali tagħna. Nużaw ukoll kelmiet oħra li jfissru kważi l-istess, iżda li bejniethom hemm ħjiel żgħir ta' differenza, bħal ma huma: salvazzjoni, liberazzjoni, tpattija, sodisfazzjon, rikonċiljazzjoni, jew espjazzjoni. Il-ġens uman u nistgħu ngħidu d-dinja kollha, minħabba d-dnub ta' l-ewwel bnedmin Adam u Eva u d-dnubiet l-oħra ta' l-umanità, kienet imbegħda minn Alla u mċaħħda mill-ħbiberija tiegħu. Il-ħidma ta' Kristu tul ħajtu kollha kienet propju dik li jerġa' jibni din il-ħbiberija u jirrikonċilja l-bnedmin ma' Alla.**

It-teoloġi jiddistingwu bejn redenzjoni oġġettiva u redenzjoni suġġettiva. Ir-redenzjoni jew fidwa oġġettiva hija l-opra jew il-ħidma tar-Redentur, waqt li r-redenzjoni suġġettiva tfisser it-twettiq jew is-seħħ tal-fidwa fil-bnedmin individwali, ċioè l-applikazzjoni tal-frott tal-fidwa għal kull bniedem, jew il-ġustifikazzjoni li biha minn midneb jerġa' jsir iben t'Alla u ħabib tiegħu.

## *Kristu, il-Feddej ta' l-Umanità*

Kristu, bl-opra tiegħu feda jew ħeles il-bnedmin mill-madmad jew jasar tad-dnub; iżda minnu nnifsu d-dnub jikkonsisti filli l-bniedem jitlaq lil Alla (*aversio a Deo*) u jdur lejn il-kreatura (*conversio ad creaturam*) u għalhekk ħafna drabi d-dnub ta' kull xorta huwa msejjaħ idolatrija; għaliex il-midneb jippreferixxi jħobb ħlieqa jew lilu nnifsu iktar milli jħobb lill Ħallieq tiegħu. Għaldaqstant, il-ħidma tal-fidwa għandha bħala għan tagħha dak li twassal il-bniedem biex jinħall mill-kreaturi u jerġa' jdur lejn Alla. San Pawl fl-ittra lill Kolossin (1,13) jgħidilhom li Alla "ħelisna mill-ħakma tad-dlam u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub, li bih għandna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet."

Ir-redenzjoni u s-salvazzjoni skond it-Testment il-Ġdid huma marbuta b'mod li ma jinħallux mill-persuna ta' Ġesù. L-azzjoni salvifika ta' Alla tilħaq f'Ġesù l-karattru definitiv tagħha. Il-pjan ta' Alla, li kien imħejji mill-eternità biex il-bniedem ikun ħieles mix-xkiel tal-ħażen u jkollu sehem mill-ħajja divina, twettaq kollu kemm hu, u sat-tmiem, fil-ħajja u fis-sagrifiċċju tal-Mulej Ġesù.

Barra milli salvana, permezz tal-merti tal-azzjonijiet tiegħu ta' kuljum, Kristu ħabrek wkoll għas-salvazzjoni tagħna permezz tat-tagħlim tiegħu. Ebda wieħed mill-profeti tar-Rabta l-Qadima ma seta' jitkellem dwar Alla, kif seta' jitkellem Kristu. Ħadd daqsu ma seta' jirrevelalna lil Alla, għaliex Kristu biss jaf sewwa l-Missier; hu waħdu jista jurina l-verità sħiħa dwaru. "Ħadd ma għaraf lill-Iben jekk mhux il-Missier, kif ħadd ma jagħraf lill-Missier jekk mhux l-Iben u dak li lilu l-Iben irid jgħarrafulu"(Mt. 11.27).

Iżda l-Iben t'Alla sar bniedem, mhux biss biex jgħallem lill-bnedmin dwar il-Missier tiegħu tas-Sema, u kif jistgħu jiksbu l-ħajja ta' dejjem. L-Iben ta' Alla sar bniedem anki sabiex ipatti lill-Missier tiegħu għall-offiżi li l-bniedmin jgħamlulu bi dnubiethom u jerġa' jirrikonċiljahom ma' Alla. Huwa, "għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna" ħa l-ġisem ta' bniedem li jista' jmut, ġie fid-dinja u offra ħajtu b'sagrifiċċju għall-umanità.

Għad li aħna ġejna salvati b'kull għemil ta' Kristu matul ħajtu kollha, għaliex kull ma għamel kellu valur infinit jew merti bla qies, iżda ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li aħna ġejna salvati bil-mewt tiegħu, peress li din kienet l-ikbar att ta' ubbidjenza lejn il-Missier u l-aqwa att ta' mħabba ta' Kristu, lejH u lejn il-bnedmin.

Il-fidwa tagħna li seħħet permezz tas-sagrifiċċju ta' Kristu. tiddependi kollha kemm hi minn dak li ġarrab għalina l-Iben ta' Alla f'ħajtu u b'mod partikolari fuq il-Kalvarju. Permezz tas-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-salib, aħna ġejna rrikonċiljati ma' Alla, erġgħajna sirna ħbieb tiegħu mill-ġdid. Il-ħbiberija tagħna ma' Alla ġiet imġedda bis-saħħa tal-mewt ta' Kristu; hija frott jew effett ta' mewtu.

Għalhekk ngħidu li Kristu ssodisfa u patta quddiem il-Missier tiegħu għad-dnubiet ta' l-umanità, għaliex tbatijietu u l-imħabba li wera f'mewtu kellhom mertu u valur hekk kbir li setgħu jagħmlu tajjeb għall-offiżi li d-dnub jagħmel lil Alla.

Kristu fdiena mill-jasar tax-xitan. Minn wara l-waqgħa ta' Adam, ix-xitan kellu setgħa fuq id-dinja. Iżda sa mill-bidu tal-missjoni tiegħu, Kristu għamel rebħa wara l-oħra fuq Satana, speċjalment bil-mirakli li kien iwettaq. Iżda meta Ġesù ġie maqtul mill-għedewwa tiegħu, id-demonju deher qisu ħareġ

rebbieħ; fil-fatt kien ġarrab telfa kbira, għaliex bil-mewt ta' Kristu ħafna bnedmin ġew mirbuħa lura għal Alla.

Kristu reġa' kisbilna l-mertu li Adam kien tilef, għad li m' għandniex l-integrità u l-ħlusija mill-mard u l-mewt li kellu Adam qabel dineb; imma Alla aċċettana mill-ġdid bħala wliedu u l-għemejjel tagħna, magħmulin sewwa, issa għandhom valur quddiem Alla u jistħoqqilhom il-premju li hu jagħti għalihom.

L-opra tas-salvazzjoni li Kristu wettaq bil-passjoni u l-mewt tiegħu laħqet il-milja tagħha fil-qawmien tiegħu minn bejn l-imwiet. Kemm il-mewt tiegħu kif ukol l-irxoxt huma kawża tas-salvazzjoni tagħna. Difatti, meta ħabbar mewtu lill-Appostli, Ġesù tkellem dwar il-mewt u r-riżurezzjoni tiegħu bħala azzjoni waħda sħiħa: "Jeħtieġ li Bin il-Bniedem ibati ħafna, jiċħduh ix-xjuħ, il-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh u fit-tielet jum iqum" (Lq. 9,22). U darba oħra wkoll qal: "Għalhekk iħobbni l-Missier, għax jien nagħti ħajti biex nerġa' neħodha" (Ġw.10,17). Meta Kristu qam u ħa l-ħajja mill-ġdid, huwa għeleb is-setgħa tal-mewt u fl-istess ħin kisser il-ħakma tad-dnub li huwa l-kawża tal-mewt.

It-tagħlim tal-Knisja Kattolika dwar il-fidwa tal-bnedmin nistgħu niġbruh fi ftit kliem: "Il-bnedmin kienu jeħtieġu l-fidwa, iżda ma setgħux jifdu lilhom infushom. Kristu fuq is-salib offra lilu nnifsu bħala vittma ta' sagrifiċċju veru u propju, li bih kisbilna l-fidwa u r-rikonċiljazzjoni ma' Alla "



## *Il-ħtieġa tar-Redenzjoni*

Il-bniedem, wara li waqa' fid-dnub, ma setgħax jifdi lilu nnifsu. Il-Konċilju ta' Trentu jgħallem li ladarba l-bnedmin kollha tilfu l-innoċenza tagħhom bid-dnub ta' Adam, saru lsiera tad-dnub u waqgħu taħt is-setgħa tax-xitan u tal-mewt, tant li la l-pagani bis-saħħa tan-natura u l-anqas il-Lhud bl-ittra tal-liġi ta' Mosè ma setgħu jeħilsu lilhom nfushom u jqumu mill-kundizzjoni tal-miżerja tagħhom.

Fl-ittra lir-Rumani San Pawl jgħidilna li l-bnedmin kollha, Lhud jew pagani, huma taħt is-saħta tal-Liġi u li huma meħlusin bil-qawwa tal-fidwa mogħtija bħala rigal ta' l-imħabba ta' Alla; għalhekk jikteb: "Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta' Alla, għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù" (Rum.3, 23).

Il-kliem ta' Santu Wistin jiġbor fih it-tagħlim kollu tal-Missirijiet tal-Knisja dwar il-ħtieġa tal-fidwa, meta jgħid li l-bnedmin "setgħu jbiegħu lilhom infushom, iżda ma setgħux jifdu lilhom infushom" (*Enarr in Ps. 95.5*).

Bħala għemil tal-bniedem kreatura, l-offiża magħmula lil Alla (*offensa Dei activa*) d-dnub mhux infinit, iżda bħala insult lil Alla (*offensa Dei passiva*). Dak li kontrih sar id-dnub, dan l-att jimplika ħtija infinita u għalhekk kien hemm bżonn ta' tpattija ta' valur infinit li ebda kreatura ma setgħet tagħti (*S.Theol. III, ,2, ad 2*).

Bis-sagrifiċċju tal-mewt tiegħu fuq is-salib, Kristu kisbilna l-fidwa.

Hija verità tal-fidi, li l-insara jemmnu u jistqarru, li Kristu fdiena mill-jasar tad-dnub bil-passjoni u l-mewt tiegħu, li huwa aċċetta biex ipatti għad-dnubiet tal-bnedmin, imqanqal mill-imħabba lejna u mill-ubbidjenza lejn il-Missier.

Peress li huwa ried ikun kollox bħalna minn barra d-dnub, ried li jkollu esperjenza tal-umiljazzjonijiet u t-tbatijiet kollha li jġarrbu l-bnedmin, kif ukoll tal-mewt tagħhom li hija konsegwenza u kastig tal-mewt. Kif jgħallem San Pawl: "Jekk għall-ħtija ta' wieħed, kulħadd miet, aktar u aktar il-grazzja ta' Alla u l-għotja mogħtija bil-grazzja ta' bniedem wieħed, Ġesù Kristu, xterdu bil-kotra fuq kulħadd" (Rum, 5,15).

Peress li l-passjoni ħarxa u l-mewt tiegħu wasslu għall-glorja u l-hena tal-qawmien mill-imwiet, Kristu wriena li jekk inżommu f'għaqda miegħu, jirnexxilna nissuperaw il-miżerja spiritwali u l-mewt tagħna u jkollna sehem fis-sebħ tal-qawmien tiegħu. Madanakollu r-redenzjoni li biha fdiena Kristu kienet veru sagrifiċċju, li huwa offra minn rajh u li swielu ċ-ċarċir ta' demmu, biex jikseb għal bnedmin il-ħlusija mill-jasar tad-dnub, ir-rebħa fuq il-miżerja u l-mewt u jerġa' jagħtihom d-dinjità ta' wlied Alla. Din il-verità tal-fidwa mwettqa minn Kristu bil-Misteru tal-Għid, il-Knisja tistqarrha fil-Konċilji u fis-simboli jew stqarrijiet tal-fidi.

Il-Konċilju ta' Efesu (431) għamel din id-definizzjoni: "Jekk xi ħadd jgħid li Kristu offra lilu nnifsu b'sagrifiċċju għalih stess, u mhux għalina biss, ikun anatema". Waqt li l-Konċilju ta' Trentu (1545) stqarr li: "Jekk xi ħadd iżomm li d-dnub ta' Adam jitneħħa b'xi rimedju ieħor ħlief bil-mertu tal-Medjatur uniku, l-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li ħabbibna ma' Alla permezz ta' demmu, u kien għalina ġustizzja, santifikazzjoni u redenzjoni, jkun anatema" (Sessjoni 5, ċan 5). Barra minn hekk fil-Kredu, dwar Kristu, nistqarru li "niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna".

Bil-passjoni mqaddsa u bil-mewt tiegħu fuq il-għuda tas-salib, Kristu mmerita għalina l-ġustifikazzjoni; patta għal dnubietna u ssodisfa għalihom, minn flokna, quddiem il-Missier Alla. It-tpattija li huwa offra fis-sagrifiċċju tiegħu kienet waħda xierqa u ġiet aċċettata mill-Missier.

*(jissokta f'ħarġa oħra)*




© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Is-Sitta u Għoxrin Parti )*

**(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)**

## IL-ĦŻIEŻA TAL-BARRIN

Wieħed li jaħdem fit-trobbija tal-bhejjem il-kbar irid joqgħod attent għax jista' jlaqqat xi marda minn dawn il-bhejjem. Marda li tittieħed tissejjaħ **ħżieża tal-barrin**. Min jiddakkar jiħmarlu qiegħ il-pala ta' idu u l-ġilda tibda tinqasam u ma jkun jista' jagħmel xejn bl-uġigħ.

Ikun diffiċli ferm biex wieħed ifejjaq ħżieża bħal din.

Xi żmien ilu Malta kien hemm wieħed bidwi li joqgħod Għajn Tuffieħa li kellu mediċina folkloristika li kellha l-ħila tfejjaq il-ħżieża tal-barrin. Imma llum dan miet u ħadd ma jaf kif kien jagħmel din il-mediċina. Dan il-bidwi ta' Għajn Tuffieħa, li kien joqgħod ma' ħuh, kellu ħafna mediċini folkloristiċi biex ifejjaq mard konness mal-ħajja tal-bdiewa, imma b'xorti ħażina ħadd ma indenja ruħu jitgħallem kif kien jagħmlilhom. Ħuh kien miet ukoll.

## MARD TAL-ĦNIEŻER

### *It-Tixrid tal-Mard.*

X'jikkawża l-mard? Id-demm, il-ġewwieni, il-laħam, kif ukoll il-ħmieġ tal-majjali morda jniġġsu qżieqeż oħra.

Majjali morda jniġġsu bil-ħmieġ tagħhom fl-art, il-ħwat u l-ikel, u hekk il-majjali b'saħħithom jittieħdu bil-mard.

Il-bniedem jista' wkoll iġorr il-marda ma' saqajh, ma' ħwejġu, ma' xkupi u affarijiet oħra.

Il-**gaxin**, li jista' jkun fih laħam mhux misjur sewwa ta' majjali morda, jekk ma jitgħalliex ixerred il-mard.

***Kif tħares il-majjali tiegħek mill-mard.*** Qabel xejn għandek dejjem iżżomm l-indafa.

La ddaħħalx majjali li tkun għadek kemm xtrajt mal-majjali tiegħek li huma f'saħħithom u meta taf li m'għandekx mard.

Żomm il-majjali li tkun xtrajt imwarrbin għalihom talanqas erba' ġimgħat.

Naddaf sewwa ċ-ċestuni jew it-trakk li ġġorr il-majjali fihom.

Warrab għalihom il-majjali maħsusin, naddaf sewwa, u tmurx minn fejnhom għal fejn ikun hemm il-majjali f'saħħithom. L-annimali morda għandek dejjem titmagħhom l-aħħar.

Eqred il-ġrieden dejjem, għax dawn jistgħu jġorru l-mard.

La ġġorrx majjali f'kaxex, ċestuni, jew trakkijiet li ġġorr il-laħam fihom.

Għalli l-**gaxin**.

**It-tilqim.** Il-qżieqeż hemm bżonn li wieħed iħarishom mill-mard ħajjithom kollha. Għalhekk hu meħtieġ li jsir it-tilqim kontra l-mard.

**It-tilqim** iħares lill-annimali għal żmien definit, per eżempju għal żmien sitt xhur. Allura, xi drabi jrid isir aktar minn darba.

Għalhekk, qżieqeż **għas-simna** jew majjali **għall-qatla** għandhom jieħdu tilqima waħda għax żmien sitt xhur fuq **il-fatma** jkunu waslu għall-qatla.

Majjali **tal-ksiba**, jieħdu tilqima kull sitt xhur.

Tilqim fiż-żgħar, jingħata ġimagħtejn fuq il-ftama u biss lil majjali fejn ma jkunx hemm mard.

Dan li għidna dwar it-tilqim hu biss eżempju biex wieħed jieħu idea x'jista' jagħmel, imma dwar tilqim u injezzjonijiet oħra, aħjar il-produttur għandu jieħu l-parir tat-tabib veterinarju, it-tabib tal-bhejjem.

***Il-ħass fost il-majjali.*** Wieħed li jrabbi l-majjali għandu mill-ewwel jissuspetta li għandu l-ħass jew il-mard fost il-majjali meta bosta qżieqeż imutu; bosta qżieqeż jidhru mitluqin; ikun hemm xi mewt 'l hawn u 'l hinn, għalkemm il-qżieqeż l-oħra jidhru b'saħħithom; meta jmutu għadd kbir ta' qżieqeż tal-ħalib jew ukoll tal-fatma; meta l-qżieqeż jimirdu bil-pulmun jew bis-slieħ; meta l-ewwel ma jintmessu majjali li jkunu għadhom kemm inxtraw.

## *Il-Marda ta' l-Iskorfina jew Irsipla tal-Majjali.*

Din il-marda tissejjaħ popolarment "il-marda ta' l-Iskorfina" minħabba d-dbabar sura ta' skorfina li jitrabbew fuq il-ġilda tal-majjal. L-isem patoloġiku tagħha hu "Irsipla tal-Majjali". Kienet identifikata għall-ewwel darba minn Robert Koch fis-sena 1878. Tinsab imxerrda mad-dinja kollha, u mal-kontinenti kollha. Għalhekk, din il-marda ekonomikament għandha ċerta importanza f'dawk il-pajjiżi kollha fejn jiġi prodott il-laħam tal-majjal. Hawnhekk ta' min jinnota li l-laħam tal-majjal hu ipprojbit fil-pajjiżi Islamiċi a bażi tar-reliġjon.

Id-deni tal-majjali jittieħed minn wieħed għall-ieħor u jiddakkru bih majjali kemm tal-fatma kif ukoll ta' żmienhom. Il-qżieqeż iż-żgħar, jiġifieri ta' xahrejn jew tlieta, jaħkem fuqhom l-iżjed.

Wara li tittieħed il-marda ddum ma' tidher minn ġimgħa sa tlieta jew erba' ġimgħat.

Is-sintomi tal-marda huma dawn: il-qażquż jibda jidher mhux f'sikktu u ma jkunx jista' jħammeġ. Imbagħad jaqbdu t-tkexkix u jmur jitgezzez f'xi rokna. Jibda jixrob ħafna ilma, u ximindaqqiet jivvomta. Jista' jaqbdu s-slieħ, imur lura f'saħħtu, u t-telqa tiżdied sakemm il-majjal imut.

Fil-ġilda jidhru dbabar ta' tikek ħomor madwar il-widnejn, fuq iż-żaqq, u fuq l-ixkla u madwar denb il-qażquż.

Xi drabi l-qażquż jaqbdu wkoll riħ fil-pulmun u jibda jisgħol.

## *Diversi Forom tal-Marda ta' l-Iskorfina*

Il-marda ta' l-iskorfina tista' tidher taħt diversi forom, li huma dawn li ġejjin:

**Akuta**. Il-produttur jinduna li majjali, li mingħalih kienu b'saħħithom, sabhom mejtin. F'x'uħud mill-majjali wieħed mill-ewwel għandu jinduna bid-dbabar ħomor fil-widnejn, mal-ħartuma (il-parti ta' madwar imnieħer il-majjal), il-geddum jew xedaq ta' isfel, iż-żaqq u partijiet oħra minħabba l-ħsara li ssir lill-ġilda mill-mikrobu. Majjali oħrajn jistgħu jidhru mitluqin u ma jridux jitħarrku, bid-deni ta' minn 104-108 F. Il-mard u mewt jistgħu jibqgħu sejrin xi ġranet ukoll wara li tinbeda l-kura. Wara xi tlett ijiem jew erba' mill-infezzjoni, jibdew jidhru l-famużi "skorfini" (bl-Ingliż *diamond skin*). Jekk l-annimal ma jmutx, l-iskorfini jisparixxu wara ġimgħa, imma jekk ikun hemm komplikazzjonijiet bil-mikrobi, allura parti mill-ġilda maqsuma tista' tmut. Biex wieħed ifejjaq dawn il-partijiet mejtin, wieħed irid ħafna ġimgħat, u wieħed jista' josservahom waqt il-qatla.

**Subakuta.** Din tkun marda inqas qawwija minn dik akuta u tkun ikkawżata minn mikrobu li ma jkunx daqshekk qawwi, jew inkella minħabba t-tilqima li tkun irċeviet l-omm li tgħaddi l-protezzjoni lil uliedha. Majjal jista' jkollu wkoll infezzjoni subklinali, li meta jeħodha ma juri ebda sinjali ta' mard jew ta' qsim.

**Kronika.** Infezzjonijiet akuti, subakuti u subklinikali jistgħu jwasslu għal mard kroniku. L-aktar sinjal ċar tal-marda hu dak ta' l-artrite fil-għaksa, fil-minkeb, l-irkobba u l-egħkiesi tas-swaba', mard li



jista' jissokta sejjer mingħajr il-mikrobi u jagħmel ħafna ħsara.

It-tilqim kontra l-marda ta' l-iskorfina ilu jsir sa mis-sena 1890. Mis-sena 1949 daħal ukoll it-tilqim bil-penicillin. Il-vaċċini kienu liċenzjati għall-użu fl-Amerika fis-sena 1955, u llum jintużaw mad-dinja kollha. Il-penicillin għadu antibijotiku rilevanti. Il-kura għadha kważi l-istess, għalkemm hemm tilqim aposta f'każ ta' mard akut u qawwi ta' *Ersipla tal-Majjali.*

Il-prevenzjoni tal-mard dejjem tista' ssir billi wieħed jieħu ħsieb sewwa l-affarijiet tiegħu u jimxi ma' programm ta' tilqim wara li jieħu pariri tekniċi ta' nies li qegħdin fuq dan ix-xogħol.

## *Id-Deni tal-Ħnieżer*

Din hi marda li tittieħed malajr ħafna, u tiġi kkaġunata minn virus.

*Sintomi:* Il-ħnieżer ikollhom id-deni u dan jittieħed malajr ħafna. In-numru ta' ħnieżer li jmutu juru l-istess sintomi ta' **l-irsipla (l-Iskorfina)**. Ħafna minnhom ikunu marradin, juru s-slieħ u jagħmlu maqgħqud ħafna. Uħud minnhom jibdew jisogħlu sikwit. Ikun hemm imwiet ta' spiss ta' ħnieżer, anki jekk l-oħrajn juru li huma f'saħħithom. Imutu ħafna ħnieżer żgħar, li għadhom jerdgħu, avolja l-kbar jidhru li m'għandhom xejn. Il-ħnieżer li jkunu għadhom kemm inxtraw juru dawn is-sintomi.

*Sintomi oħra:* Nuqqas ta' aptit u ftit u xejn ikel. Għajnejn il-ħnieżer jibdew inixxu. Ikollhom ħafna għatx. Ħnieżer li jmutu bejn tlieta u ħamest ijiem wara l-marda.

*X'għandu jsir.* Wieħed għandu jżomm nadif. Ħnieżer li juru s-sintomi tal-mard għandhom jitwarrbu minn ma' l-oħrajn malajr. Il-morda wieħed għandu jagħlifhom wara l-oħrajn. Wieħed għandu jlaqqam il-ħnieżer fi żmien il-fatma jew ftit qabel. Wieħed m'għandux jagħlef fdal tal-mejda bla ma jgħallih. Wieħed għandu wkoll isejjaħ it-tabib veterinarju malajr kemm jista' jkun biex jilqa' għal kull mard.

## *MARD TAL-ĦRIEF*

***Is-Slieħ.*** Din hija marda qadima li taħkem il-ħrief meta jkunu għadhom ta' età żgħira, ngħidu aħna mit-twelid sa meta jkollhom xahar. Slieħ tfisser dijarea jew disenterija. Il-marda tiġi kkawżata minn mikrobu li l-ħaruf jieħdu jew minn sider ommu, inkella mill-art tal-maqjel.

Il-marda ma tkunx qawwija dejjem l-istess u dan jiddependi mill-mikrobu. Ġie li l-ħaruf imut bla ma juri ebda snijal ta' slieħ, għax il-mikrobu jkun qawwi ħafna.

Drabi oħra l-ħrief morda jibqgħu għalihom weħidhom, jimxu wara l-merħla meta misjuqa, jintefgħu ma' l-art mingħajr sinjal li jkunu jixtiequ jqumu, igħawġu daharhom u ma jkollhom ebda xewqa li jerdgħu. Il-ħmieġ tagħhom ikun maħlul, ta' lewn safrani, kif ukoll imtebba' bit-tikek tad-demm. Il-ħrief li jkunu morda bis-slieħ, għalhekk, ikollhom il-warrani tagħhom aħmar bid-demm. Il-ħrief aktarx imutu wara jumejn wara li jibdew jidhru s-sintomi tal-marda.

Il-marda tas-slieħ x'aktax l-ewwel ma tidher fl-aħħar ta' l-istaġun tal-ħrief. Tidher ukoll fl-istess maqjel, anki sentejn jew tlieta wara.

Xi drawwiet ħżiena jkomplu jxerrdu l-mard.

Xi bdiewa jħallu l-ħrief f'post jew ma' ngħaġ li l-ħrief tagħhom kienu morda bis-slieħ.

Flok ma jidfnu l-fdal 'il bogħod mir-razzett, iħalluh hemm maġenb ħrief oħra.

Xi drabi jisolħu ħaruf mejjet u l-ġilda tiegħu jużawha ma' dak li għandu x'jaqsam mar-razzett.

Bdiewa li jmissu jew jaqbdu ħaruf marid bis-slieħ ma jaħslux u jiddiżinfettaw idejhom.

Fil-każ ta' dan il-mard wieħed għandu jilob il-għajnuna veterinarja.

### *Nuqqas ta' minerali*

In-nuqqas ta' minerali m'hux marda fih innifsu, iżda jista' jitfa' l-annimali lura jekk ma niħdux ħsieb din id-defiċjenza. Per eżempju, in-ngħaġ u l-mogħoż jistgħu jibdew jieklu kull karkur li jsibu jekk ikunu neqsin minn xi minerali. Meta jagħmlu hekk jibdew jogħolbu u jistgħu jimirdu. Allura dari kienu jagħtuhom ġebla apposta tal-minerali - bl-Ingliż imsejħa *Lick Salt* - biex joqogħdu jilagħquha u hekk itaffu min-nuqqas ta' minerali li jkollhom.

### *Ikel żejjed*

Meta l-ħrief jitfarfru u jibdew jieklu l-ħaxix, wieħed irid joqgħod attent li ma jagħtihomx ħafna ħaxix f'daqqa, l-aktar jekk ma jkunux imdorrijiin fuqu. Per eżempu, wieħed jagħmel ħażin jekk iħalli ħaruf jiekol ħafna Ingliża bl-addoċċ għax din tista' toqgħodlu fuq l-istonku u ma jkunx jista' jixtarrha, bil-konsegwenza li l-ħaruf imut b'laħmu u xaħmu b'telf ta' flus għal min irabbi.

## MARD TAL-FNIEK

***Ħabb il-Fwied.*** Din x'aktarx hija l-aktar marda komuni li taħkem lill-fniek. Il-marda tiġi kkaġunata minn organiżmu b'ċellula waħda (mikrobu), *coccidium*, minn hekk isimha bil-Latin. Hemm żewġ tipi ta' din il-marda, dik li tattaka l-fwied, u l-oħra li tmarrad l-imsaren tal-fniek, imsejħa wkoll **mard iż-żaqq** jew **mard taż-żaqq**.

Il-marda ta' ħabb il-fwied hija agħar mill-oħra li tmarrad l-imsaren għax wieħed jista' ma jindunax biha qabel ma l-fenek imut.

Il-marda tkun tinsab fil-kanali tal-bili li jkunu impestati bil-bajd tal-mikrobi. Il-kanali tal-fwied jibdew jintefħu u jiġmgħu l-materja li tkun kollha bajd irqiq tal-mikrobi.

Sakemm ma jkunx impestat il-fenek ftit li xejn juri li hu marid. Iżda meta l-fwied jintefaħ il-fenek jidher b'żaqqu ħoxna

Il-marda ta' **ħabb il-fwied** tista' tkun

a) ***akuta***, bl-ewwel sintomu nefħa fiż-żaqq, imbagħad mewt għal għarrieda, mingħajr ma jkun hemm ebda sinjal fil-warrani.

Issa, meta l-marda tattakka l-fwied, wieħed malajr jinduna biha jekk joqtol fenek għax il-fwied ikun kollu tikek, imsejħin ħabb il-fwied. Dan kollu għax il-fenek ikollu l-fwied impestat bit-tikek jew dbabar. Din il-marda llum aktar hi magħrufa bħala coccidiosi. Ġie li tissejjaħ ukoll **muzalz** jew **muzajz**.

b) ***sub-klinikali***, billi jista' jkun li fil-fenek marid ma jidher xejn, iżda meta l-fenek jinqatel jidhru t-tikek irqaq fil-fwied, li juri li kien marid.

c) ***kronika***, il-fniek bil-marda ma juru ebda sinjal ta' mard għax ikunu b'saħħithom, imma jgħaddu l-marda tagħhom lil fniek oħra. Wara l-qatla jidhru traċċi rqaq fil-fwied.

Il-bajd tal-mikrobi jkun jinsab fil-ħmieġ tal-fniek. Meta l-ħmieġ ikun normali (redus), ma tantx jaffettwa għat-tixrid tal-mard, iżda meta jibda jirtab, aktar ma jsir merħi aktar jista' jxerred il-mard. L-agħar il-fetħa jew dijarea tal-fniek, għax iż-żrameġ li jmissu magħha jimirdu kollha. Għalhekk, wieħed ma għandux jaraha bi kbira li f'każi bħal dawn l-omm marida tinfetta 'l uliedha.

Minn dan naraw ukoll kemm hu tajjeb li, wara l-qatla, wieħed jeżamina daqsxejn sew il-fwied għal xi traċċi ta' mard. Ma ninsewx li fniek adulti li jkunu mardu qabel jistgħu jkunu żviluppaw xi forma ta' immunità kontra l-marda, imma xorta jibqgħu jgħadduha lil ħaddieħor.

Minn dan naraw ukoll kemm hu sewwa li wieħed iżomm l-indafa fejn irabbi l-annimali.

(Jissokta)




SMUGGLER'S CAVE
BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



**gozo press**

Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look

*Sharmain's Styling Salon*

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**Xerri l-Bukkett**



Bar
Restaurant Pizzeria
*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. **21553500**

**HILITE**
HARDWARE STORE
**FRANCO - BELGE FIRE PLACES**
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

**Home Decorations**

* *Specialising in Gypsum wall partitions*
* *Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles*
* *PVC Wall Panelling*
* *Interior Painting*

For Free Home Estimates
*Call* **Frank Azzopardi**
on 2156 5241 or 9982 9195

**BOGI AUTO LTD**

- Spare Parts
- Batteries
- Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

**FUQ L-INTERNET**

RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo

IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi

## *Għawdex... kif nafu u narah jien* 5



# *"IR-REĠJONALITÀ TA' GĦAWDEX TRID BIL-FORS ISSIR REALTÀ"*

*Franco Masini jagħtina l-impressjoni u l-fehmiet tiegħu*

Peress illi jiena ilni nikteb, u xi minn daqqiet niddefendi 'l Għawdex, għal dawn l-aħħar ħamsin sena insib kultant f'Malta min jgħidli: "Intom l-Għawdxin x'tippretendu? X'taħsbu li intom? Xi tridu iktar mill-Maltin?". Ir-risposta hija sempliċi u dejjem l-istess: aħna rridu nkunu bħal ħutna l-Maltin, xejn inqas u xejn iktar. Wara kollox aħna wlied tal-istess nazzjon. Iżda altru li tgħid u altru li tkun. Per eżempju, inkunu l-istess ulied tal-pajjiż meta ikollna l-istess opportunitajiet tax-xogħol li għandhom dawk li jgħixu Malta. Inkunu l-istess ulied tal-pajjiż meta ingawdu l-istess benefiċċji bħal dawk li jgawdu dawk li jgħixu Malta. Għax aħna poplu wieħed, ġens wieħed!

Biex inkunu ġusti ma' kulħadd irridu ngħidu li hemm raġunijiet ghaliex Għawdex huwa differenti minn Malta. Dawn huma raġunijiet ta' natura ġeografika u minħabba l-fatt illi Għawdex bħala gżira huwa maqtugħ minn Malta. Iżda minħabba f'hekk hemm bżonn li jsiru ċerti affarijiet, jiġu investiti ċerti fondi biex jagħmlu tajjeb għal din ir-realtà ġeografika. Irridu nżommu quddiem għajnejna illi Għawdex huwa wieħed minn żewġ gżejjer (jekk ninsew għal mument lil Kemmuna) li huma abitati. Għawdex mhux bħal ma kienu jsostnu x'uħud, hu biss wieħed minn tlettax il-Distrett Elettorali!!!

Mela kif għidna, Għawdex jippreżenta żewġ faċċati tal-istess munita: huwa uniku bħala t-tieni gżira u fl-istess ħin l-Għawdxin għandhom id-dritt tal-ugwaljanza daqs ħuthom il-Maltin. Issa il-kwistjoni hija kif tirrikkonċilja dawn iż-żewġ fatturi. Matul is-sekli Għawdex rawwem filosofija ta' individwaliżmu li esprimiet ruħha f'istituzzjonijiet reġjonali. Jekk naraw l-istorja pluri-millenarja tal-gżira iżda jekk naraw ukoll l-istorja nsibu li ntbagħtu ambaxxaturi lejn Palermo għand is-sultan li kellu f'idejh il-gżejjer tagħna. Din it-tmexxija laħqet l-apiċe tagħha fiż-żmien Napolejoniku, meta għal sentejn sħaħ Għawdex kien effettivament indipendenti.

Mela jidher ċar li l-Għawdxin għandhom magħġun fihom dak l-ispirtu indipendenti u l-ġibda speċjali lejn gżirithom. Dan l-ispirtu jagħtihom fl-opinjoni tiegħi dik is-saħħa morali li jfittxu bla heda li jtejbu s-sitwazzjoni tagħhom u ta' pajjiżhom. Dan jispjega kif ħafna Għawdxin kienu kapaċi jispikkaw fil-ħajja ċivili u ekkleżjastika nazzjonali.

Iżda niġu għal konsiderazzjoni oħra li l-iktar tolqotna, dik li l-Għawdxin għandu jkollhom l-istess drittijiet bħal ħuthom il-Maltin. Jekk nieħdu x-xogħol, per eżempju, ninnutaw li n-nuqqas ta' xogħol kien dejjem problema li ftit jew wisq kienet pjaga għal Għawdex. Kien hemm żminijiet meta bi sforzi kbar inħoloq ix-xogħol u din il-pjaga kważi fieqet. Ir-realtà li ħafna Għawdxin ikollhom imorru Malta biex jaħdmu mhix faċli tikkumbattiha. Iżda l-ideal huwa li l-Għawdxin jistgħu imorru Malta biex jaħdmu, iżda dan bħala għażla tagħhom u mhux ikunu kostretti li jagħmlu hekk għax fi gżirithom ma jsibux jaħdmu.

Il-kwistjoni tax-xogħol f'Għawdex hija marbuta mal-iżvantaġġi li Għawdex għandu minħabba fis-sitwazzjoni ġeografika tiegħu. Il-fatt li huwa maqtugħ minn Malta jirrendih



diffiċli li jsiru investimenti industrijali kbar li jassorbu ħafna ħaddiema. Ma ninsewx illi kull prodott li jsir u l-istess materja prima li trid tiġi biex tinħadem trid tinġab bil-baħar bi spejjeż mhux żgħar. Dana jżid il-prezz tal-prodott u jagħmlu għoli wisq. Mill-banda l-oħra il-kapaċità tal-Għawdxin li jaħdmu b'effiċjenza u impenn kbir huma fatturi li jgħinu fil-qasam industrijali. Għal Għawdex iridu jinstabu industriji li jisfruttaw il-kapaċità produttiva tal-Għawdxin, u li għandhom valur miżjud kbir li jinnewtralizzaw l-ispejjes tat-traġitt. It-teknoloġija tagħmilha possibbli li ċerti industriji elettroniċi jistgħu faċilment jiġu lokati f'Għawdex. Diġà qed niġbdu lejna *back-office work* u 'l quddiem forsi anke *call centres*. Iżda biex dawn jinġiebu lejn Għawdex irid isir investiment u preparazzjoni biex jagħmluha possibli li nippromwovu 'l Għawdex għal dan ix-xogħol. L-edukazzjoni vokazzjonali trid tkun indirizzata wkoll għal dan l-iskop.

Biex il-problemi ta' Għawdex jibdew jiġu solvuti jrid bil-fors ikun hemm il-qafas istituzzjonali xieraq. Ir-reġjonalità ta' Għawdex trid bil-fors issir realtà. Irridu naqbżu mit-teorija għall-prattika. Fil-ġejjieni Ewropew ta' Għawdex hemm bżonn li mhux biss jiġi riaffermat il-prinċipju tas-sussidjarjetà għal Għawdex iżda li dan il-prinċipju jiġi mlaħħam permezz ta' istituzzjonijiet sodi. Il-Ministeru ta' Għawdex għandu jiġi msaħħaħ b'tali mod li jkollu setgħat qawwijin għal dak kollu li għandu x'jaqsam ma' Għawdex. Dan għandu jiġi kumplimentat b'Kumitat Reġjonali sod, serju u mogħni b'saħħa. Nikkonsidra li l-Kunsilli Lokali għandhom parti importanti x'iwettqu f'dan il-qasam.

Fl-aħħar nett ta' min igħid illi Għawdex f'saħħtu jfisser Malta f'saħħitha, għaliex Għawdex huwa parti importanti ta' Malta, u iktar ma javvanza u jimxi 'l quddiem Għawdex iktar tissaħħaħ Malta.

**Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari...**

TAL-ĦWAWAR

*Issib Ħwawar,*
*Ħxejjex Aromatiċi,*
*Frott Imqaddet għall-Ħelu*
*u Prodotti oħra għall-ikel*

14-15 Kerċem Road, Victoria
Tel: 2156 2160

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Dun Ġużepp Grima (1885-1952)

# 2. Ħajja mogħtija lil Alla

**jikteb Angelo Xuereb**



*Id-Dar ta' Dun Ġużepp Grima*

Għalkemm Dun Ġużepp Grima ma għamilx ħwejjeġ kbar matul ħajtu, madankollu kien bniedem li permezz ta' ħajtu kien jagħti xhieda li hemm Alla qabel kollox u fuq kollox, u li kull bniedem huwa xbieha tiegħu biex jgħix għaliH.

Meta niflu l-orarju tiegħu naraw kemm kien mogħti għal Alla. Il-ġurnata tiegħu kienet tibda' ftit qabel l-4.30 am biex idoqq il-*Pater Noster*. Kull min jidħol fil-knisja kien isibu għarkobbtejh fit-tarf tal-kor ħdejn is-salib tal-kleru. Kien joqgħod hemm sat-8.00 sabiex idoqq it-tokki tal-*Angelus*. Il-ħin ta' filgħaxija kien jgħaddih ukoll fil-knisja. Kien jiftaħ il-knisja sagħtejn qabel l-*Ave Maria* u joqgħod hemm sa ma ddoqq Ta' l-Imwiet. Ir-Rużarju qabel il-barka kien jgħidu kuljum liebes l-ispellizza, b'devozzjoni kbira għarkobbtejh quddiem banketta żgħira. Fl-aħħar kien jagħlaq il-knisja u jmur lejn id-dar.

Forsi wieħed għandu raġun jistaqsi li f'dan l-orarju ma hemm xejn speċjali. Iżda dan kien jagħmlu ta' kuljum mingħajr qatt ma ħa l-ebda vaganza. Kien iħobb jgħid: "Alla ma għandux vaganzi". Iżda min iħobb lil Alla r-rutina tal-ħajja ta' kuljum ma tkissrux iżda aktar tqarrbu lejh. Il-ħajja tiegħu kienet mid-dar għall-knisja, u mill-knisja għad-dar. Kien joħroġ minn raħal twelidu sabiex itella' xi reġistru tal-quddies jew xi ieħor lejn il-Kurja ta' l-Isqof. Qatt ma aċċetta li jmur għall-ebda riċeviment f'xi festa jew f'xi okkażjoni oħra, filwaqt li lanqas kien imur fuq xi xtajta fis-sajf.

Fuq kollox għex ħajja ta' faqar, tant li fl-aħħar sentejn ta' ħajtu l-Arċipriet ta' Sannat Dun Ġorġ Debrincat, tant raħ li qiegħed jgħix fil-faqar li talab lill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace biex jagħtih xi għajnuna. L-Isqof wasal biex taħ benefiċċju ta' żewġ liri fis-sena. Kif għidna kellu lil ħuh sagristan, u Dun Ġużepp kien imur jgħinu. Meta kien ikisser xi ħaġa mill-knisja kien imur u jixtriha. Kien iħobb jgħid: "Jien kissirtu, mela jien għandi nħallsu. Il-knisja ma għandhiex tħallas l-iżbalji tiegħi".

Għalkemm kien jaħrab kull xorta ta' tentazzjoni madankollu kien jgħaddi minn xi tiġrib. Għalhekk kien jipprova jokkupa l-ħin liberu f'xi ħaġa li biha jista' jderri. Meta ma kienx ikollu x'jagħmel kien isewwi ħajt tas-sejjieħ fil-ġnien jew jerġa' jibnieh bil-mod. Darba meta ġie mistoqsi għaliex jagħmel dan ix-xogħol, wieġeb: "L-għażż hu n-nassa tad-demonju. Għalhekk nipprova neħda ruħi b'xi ħaġa għax b'hekk inwarrab mill-attakki tad-demonju."

Ta' min jinnota li kien iqatta' ħafna ħin jitlob. Kien iqaddes b'devozzjoni kbira, filwaqt li kien iqatta' ħafna ħin jitlob qabel u wara l-quddiesa. Ta' min isemmi wkoll li kien isum il-ġimgħa kollha u forsi l-Ħadd ukoll. Kien bniedem ta' penitenza kbira.

Dan il-qassis jgħallimna li għalkemm l-istil ta' ħajja jinbidel, madankollu hemm bżonn tas-sagrifiċċju biex wieħed jimxi wara Kristu bis-serjetà.

TAL-MUDELL
HARDWARE SHOP
FORTUNATO MIZZI STREET,
VICTORIA,GOZO - TEL 2155 4131

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

## FEHMET L-GĦAWDXIN

# Insebbħu lil Gżiritna, speċjalment fir-Rabat...

***Dan l-aħħar iltqajt ma' ħabib tiegħi; kont għaddej mgħaġġel naqsam Pjazza Indipendenza, Victoria, is-Sibt filgħodu. Waqqafni u qalli; "Ħares ftit lejn il-Monument ta' Kristu Re! Qed tara dan il-Monument tal-Gwerra! Ma jidhirlekx li jistħoqlu trattament aħjar?" Irriflettejt ftit u qbilt miegħu.***

***Il-bejjiegħa li jarmaw hawn għandhom dritt għall-qliegħ tal-ħobża ta' kuljum, iżda dan il-monument għandu dritt ukoll li jibqa' jsaltan f'nofs il-misraħ bla ma jxekklu ħadd, u mhux fil-parti t'isfel jitgħatta b'kull xorta ta' ħwejjeġ u oġġetti oħra għall-bejgħ! Ejjew nuru rispett lejn dan il-mafkar ta' l-artist Ruman Carlo Pisi u nħalluh isebbaħ il-pjazza tagħna fil-libertà.***

*Kumbinazzjoni dak il-ħin, stranġier b'aċċent amerikan rajtu qed jipprova jieħu ritratt bil-camera tiegħu b'diffikultà. Kieku dan il-monument bil-pedestal tal-granit ikun imdawwar b'xi ftit xtieli u qsari, mhux aħjar milli kważi mistur għal kollox minn jeans, qliezet, ċinturini u x'naf jien?! Kemm ikun sabiħ imżejjen meta fl-għodwa tat-8 ta' Settembru f'Jum il-Poppy u f'okkażjonijiet oħra ikun nadif, ħieles minn kull xkiel u mimli fjuri! Għax m'għandux ikun hekk is-sena kollha? Il-monument ta' Pjazza t-Tokk mhux qed jingħata r-rispett li jixraqlu!*

*Issa li s-sigar tal-misraħ għaddew minn taħt iż-żabra, il-pjazza ddawlet u ħadet ir-ruħ. Sabiħa b'dawk l-imwejjed, umbrellel u siġġijiet sakemm kulħadd iżomm postu u l-ordni. Hemm bżonn nibżgħu wkoll għall-paviment ta' dik il-pjazza u naraw li mill-ġdid jitqiegħdu xi bankijiet komdi u artistiċi li jmorru ma' l-istil tal-lokal.*

*Il-ħabib tiegħi żammni ftit ieħor u għaddieni mis-Suq bi ftit tat-tbatija. Hawnhekk ukoll jeħtieġ li tibda ssaltan aktar ordni u ma nżidux inkerrħu l-ambjent tar-Rabat l-antika.*

*Staqsieni x'sar minnha rħama li kienet twaħħlet biex tfakkar lill-Poetessa Għawdxija Mary Mejlak. Li niftakar biss hu li Pawlu Mizzi tal-Klabb Kotba Maltin, kien qabbadni nippreżenta l-għodwa ta' meta kienet tqiegħdet mal-ħajt tar-residenza tal-Poetessa li l-funeral tagħha kien sar fl-1 ta' Jannar 1975. Naħseb li taqblu miegħi li din il-lapida terġa' ssib postha.*



*Dawn huma kollha rqaqat żgħar li bi ftit investiment ta' ħsieb jistgħu jagħtu dehra isbaħ lil din il-gżira tagħna li ser tagħmel parti mill-Ewropa.*

*Is-Salib ta' pjazza SanFranġisk jeħtieġ dawra "nobis" qabel ikun tard wisq, Hawnhekk irnexxiet sew il-funtana li tqiegħdet biex tfakkar l-anniversarju ta' l-Indipendenza. Min jaf kieku kellna noħolqu xi ħaġa simili fi Pjazza Sant' Wistin! Anke fil-Pjazzetta ta' ħdejn iċ-Ċentru Pastorali "Ragħaj it-Tajjeb" f'taċ-Ċawla, tixraq funtana sabiħa li żgur issebbaħ u tiffriska l-ambjent issa li riesaq is-sajf. Hawnhekk ħafna ħaduha drawwa li jmorru jqiegħdu l-iskart tagħhom biex jinġabar iktar tard mill-iscammel! Imma ħej, x'dehra kerha qed joħroq, flimkien ma' l-għadd ta' vetturi, nofshom sdingati li qed ikun hawn hawnhekk!*

*Triq Sir Paul Boffa għandha żewġ tabelli biex ifakkru li din "one way" u għal "heavy vehicles" hija magħluqa, iżda ejjew araw kif qed tinkiser il-liġi "right, left and centre"! Tgħid dal-kumment ma jaqrahx min hu incharge tal-Wardens?!*

*Mhux is-soltu nkun daqshekk drastiku u pessimist fil-kitba tiegħi, iżda wasal iż-żmien li nagħmlu xi ħaġa u lir-Rabat ma nħalluhx sejjer għan-niżla. Din il-belt kapitali jixirqilha xi ħaġa aħjar.*

*Importanti l-appoġġ tagħna lkoll. Nibdew mill-affarijiet iż-żgħar u naraw li bil-mod, bil-paċenzja u biż-żmien, kollox jasal fit-tmiem!*

**Kav. Joe M. Attard**
**Victoria**

*Għawdxin li għadna niftakru - 15* *Minn Pawlu Mizzi*

# IL-PRINĊIPAL

Ma ngħaddix minn fejn San Franġisk li ma niftakarx fih, dal-Prinċipal! L-iktar kull x'ħin inħares lejn l-isptar il-qadim, illum il-Ministeru ta' Għawdex. Donni nistennih ħiereġ!

X'nostalġija! Nistħajjilni nerġa' nara lil Ġanni fil-bieb. U lil xi soru jew tnejn deħlin jew ħerġin. U kultant il-majjistra, Ġorġa ta' Ġerit. Mill-bqija skiet. Kważi qaddis. Għax ħemm il-morda! U ma jiswiex min jidħak jew jagħmel l-istorbju!

Mhux l-ewwel darba li missieri kien jibgħatni ħemm b'xi qadja għand it-tabib Anton.

'*Dok fil-word ussa,*' kien jgħidli Ġanni. '*Stenneh ftejt, ħabejb. Sekemm joħruġ tof. Stenneh ftejt haw.*'

U kont nistenna. Daqqa ftit u daqqa ħafna. It-tabib ma kontx teħodlu kopja meta jkun mal-morda. Huma l-ewwel għalih. Imbagħad x'għaġla kellu! Kien bieb u għatba mad-dar. U malli San Franġisk idoqq, jitlaq.

Kif jilmaħni, imma, kien jieqaf. U jitbissem. Kont nistħi. Għalhekk kien ipoġġi idu fuq spallti u jgħidli: 'X'għandna Pawlinu! Għidli. X'inqala'?'

Il-manjieri tiegħu kienu baqgħu jiġbduni. Għal żmien twil wara. Kien sinjur fil-veru sens tal-kelma. Twajjeb ma' kulħadd. Kullimkien. Fl-isptar, fit-triq u fil-każini.

Il-marid għalih ma kienx oġġett imkisser li jrid jissewwa. Ukoll jekk fis-sodda, mifni bl-uġiegħ. Għalih xorta bniedem. L-ajma tiegħu kienet tinżel f'qalbu u tibqa' f'moħħu l-ħin kollu tal-ġurnata!

Hekk minn dejjem kont nafu. Qabel bdew jgħajtulu "*Prinċipol*". Kien it-tabib tal-familji kollha madwarna. Dejjem b'bagalja tal-ġild f'idu. Minn dar ħiereġ u f'oħra dieħel. Aħna biss biss konna erbatax. U tal-Kaċċatur għaxra, tas-Sakku tnax, u taz-zija Marċella sebgħa. U daqqa ġej għandna għax jien kelli d-deni u daqqa għand ta' ħdejna għax iż-żgħir bil-ħożba jew ż-żgħira bid-dijarija...

Rajtu l-ewwel darba għand in-nanna. Mal-Prinċipal ix-xiħ, it-tabib Grima, missier it-tabib Willie. Ma nafx kellix ħames snin. Lil ħija tah attakk qawwi ta' l-appendiċite. U malajr malajr għamlulu l-operazzjoni. Fl-istess dar tan-nanna u fuq il-mejda tal-kamra tat-taraġ. Dak iż-żmien kienet ħaġa normali.

Fl-Isptar Ċentrali l-faċilitajiet ftit kienu aħjar. Mill-1727, meta l-Kavallieri bnewh, ma kenux sarulu tibdiliet. B'żewġ swali kien u b'żewġ swali baqa'. U għall-irġiel biss. Waħda għall-morda u l-oħra għax-xjuħ. Imbagħad fl-1838 lix-xjuħ bagħtuhom Malta fl-ospizju. Ħafna, imsieken, spiċċaw Wied Għammieq. U flokhom ġiebu l-morda nisa mill-isptar ta' San Ġiljan, illum is-Seminarju. B'hekk qalu li għamlu sptar modern b'sala waħda għan-nisa bi ħmistax-il sodda u b'sala oħra għall-irġiel b'erbgħin sodda. Sa l-1954 kienu żdiedu għal 94. Għall-awtoritajiet kolonjali dan l-isptar modern kien 'adegwat' għal Għawdex!!

Għat-tabib Anton, imma, ma kienx. '*Iħammrilna wiċċna. Swali għoljin u bla ventilazzjoni*', qalli darba f'intervista li għamiltlu għal ***The Sunday Times of Malta.*** '*Dan l-isptar illum jew għada jrid jinbidel!*'

U baqa' sa ma tfassal wieħed ġdid. Dak li għandna llum f'Ta' l-Ibraġ. Qabel, imma, kien ħemm ħaġa oħra li ħolom li jwaqqaf: Kunsill għal Għawdex.

Ħadd forsi daqs it-tabib Tabone ma kien jara l-ħtieġa tiegħu f'Għawdex. Għalih kien il-bieb għal kull titjib fil-gżira: toroq bl-asfalt, servizz aħjar bil-baħar, u aktar kumditajiet fid-djar.



'*Minix noħlom!*' kien jgħidli.

Kont nifhmu. Imma, kont daqstant xettiku għall-ħolm tiegħu. Il-faqar min kien sa jsiblu tarfu? U t-toroq fid-dlam? U d-djar bla drenaġġ? Kemm irħula kienu għadhom bla dawl u ilma?

'*Bir-riedni ta' pajjiżek f'idejk tagħmel il-mirakli*', kien isostni. U ma kienx joħlom b'ħaġa oħra ħlief li Għawdex ikollu Kunsill tiegħu.

Daħal f'moħħu minn tfulitu. Kien aktarx sama' bih l-ewwel darba f'*meeting* fit-Tokk fl-10 ta' Ġunju 1906. Dak inhar l-*Associazione Politica Maltese* kienet ipproponietu bħala soluzzjoni għall-problemi kostituzzjonali ta' Malta.

Kienu s-snin ta' formazzjoni politika għalih. Anke jekk minn qaddisu kien nazzjonalista. Ta' xejriet Mizzjani, b'timbru 'demokratiku'. Id-*demokrazija* kienet kelma diffiċli għal dak iż-żmien. B'konnotazzjoni differenti minn dik ta' llum. Dak inhar din il-kelma kienet

rivoluzzjonarja, ikkundannata mill-Knisja, għax marbuta mad-duttrina ta' Marks. Għalija, imma, kienet aktar ispirata mill-fehma ta' Don Orione, marbuta mal-fqar u l-ħaddiema.

Dawn kienu kollha ideat soċjali ġodda li sawru n-nazzjonaliżmu ta' Anton tat-tabib Kolinu, u li ma ħallewhx jibqa' sempliċi spettatur meta daħal bħala student tal-mediċina fl-Università. L-iktar bl-avvenimenti ta' madwaru. L-arresti ta' patrijotti Maltin, il-laqgħat ta' l-*Assemblea Nazionale*, u l-qawmien tal-Maltin fis-*Sette Giugno*. Kollox donnu biex aktar jgħaġnu fit-twemmin tiegħu u jsawwar fih ruħ soċjali li rabtitu aktar fil-qrib mal-bniedem.

Sa ma sar tabib fl-1922, id-dinja politika tiegħu kienet diġa ħadet sura. Kellu jara l-mewt ta'missieru u magħha t-tbatija li għadda minnha biex ħutu komplew l-iskola. Il-ħasra għall-batut u għal min kellu bżonn kienet saret parti mid-duttrina soċjali tiegħu, għax kien għadda minnha...

Kellu xeħta għal man-nies. Prudenti, imma, b'rieda ta' l-azzar. U mhux lakemm jaħrab minn dmiru jew kif jisma' r-riħ ivenven iwarrab għax jibża' mit-tempesti.

Veru li fid-dinja tiegħu fl-erbgħinijiet ir-riħ ta' l-antagoniżmi ma riedx wisq biex jinqala'. Biżżejjed ftit għawi. Pereżempju, wieħed jixlik li inti 'anti-imperjalista'. Ma' kull pass tibda tħoss l-art taħtek tiċċaqlaq.

It-Tabib Anton kien draħom. U meta konna mmorru għandu ma' Dun Pawl ta' l-Oratorju biex jagħtina s-sala t'isfel fl-isptar il-qadim għal xi reċta, qatt ma qalilna le.

B'riħet tagħna anke oħrajn bdew jagħmlu użu minnha. Giardini bil-*Geisha*, Dun Ġwann tal-Badiku b'*Ir-Rebħa*. U warajhom Ġorġ Xerri, Fredu r-Reverist u l-Muskettieri!

'*Ulied Eskulapjus!*' kien jsejħilna t-tabib Cachia Zammit. '*Bravi! Bravi! Intom tfejqu bla mediċina!*'

Ma kontx nifhmu dak iż-żmien. Kliemu, imma, kien baqa' jberren f'moħħi sa dan l-aħħar. M'ilux inzertajt qed nara r-rovini ta' Epidaurus 'l barra minn Ateni, u nisma' lill-gwida ssemmi lil dan Aesculapius. Ngħid is-sewwa waqqaft widnejn daqsiex! '*Kien l-ewwel tabib Grieg*', smajtha tgħid, '*u kien ifejjaq aktar bl-ispettakli tal-palk milli b'xi seħer tal-mediċina. It-teatru għalih kien l-aqwa terapija għall-marid.*' Minn dak inhar għalija l-Prinċipal sar ukoll Aesculapius ieħor. Daqsu kien jemmen fil-palk. U forsi aktar minnu kien jara fih orizzonti ġodda. Għal kulħadd. Żgħażagħ mexxejja, nisa fis-soċjetà, irġiel fil-politika. Fi kliem ieħor, dan kien Għawdex miexi 'l quddiem...

Forsi għalhekk kien jieħu gost bina l-isptar u jinteressa ruħu minn dak kollu li jsir fuq il-palk ta' l-Oratorju Don Bosco. Fina kien jara l-ħolma ta' aktar oratorji fl-irħula, dawk li llum huma ċ-ċentri, u aktar tijatrini u futbol u passatempi għaż-żgħażagħ għawdxin.

Mhux il-kaċċa, imma, għalkemm kienet id-delizzju tiegħu. It-tabib Anton kien kaċċatur tajjeb. Bħalma kienu tobba oħra ta' żmienu: id-Debonijiet, is-sur Ġiġ ta' Kiku, u Masu. Sa grupp dilettanti li joħorġu miegħu għall-kaċċa kellu.

Fi żmien il-gamiem addio politka. Skrataċċ, senter u klieb biss. Ma kontx tisimgħu jitkellem għajr fuq kemm sparaw il-Lunzjata. Jew fuq kemm għaddiet passa minn fuq ta' Kuljat. '*Tnissik id-dinja dil-kaċċa!*' kien jgħid. U veru, għax allaħares kellek timrad dak iż-żmien...

Darba wieħed minn dawn it-tobba kaċċaturi għajtulu filgħodu kmieni għax pazjenta tiegħu kienet ħażin. Poġġielha t-termometru f'ħalqha u ħareġ fis-setaħ jitkellem ma' żewġha. U kelma ġġib 'l oħra, intilfu jreddnu fuq il-kaċċa, u t-tabib baqa' ħiereġ 'l barra. Sa fil-għaxija dik il-povra mara kienet għadha bit-termometru f'ħalqha. Ir-raġel ma kienx jaf x'sa jagħmel u niżel ir-Rabat ifittex lit-tabib. Sabu t-tokis fil-każin tal-Ljun. U billi ma riedx min idejqu waqt il-film, daħal inkiss inkiss ħdejh biex ma jagħmilx ħoss. Qallu: '*Sinjur, il-mara marret tajjeb b'dik il-ħġieġa f'ħalqha. Issa x'tagħmel? Tneħħiha?*' Bilkemm laħaq temm kliemu. '*Dik*', għajjat, '*issa għidilha ddaħħalha f'sss... Hiiiii! ... f'sieqha!*' X'għamlet il-mara ma nafx! Naf, imma, li t-tabib Anton ma waqafx iżomm żaqqu bid-daħk meta semagħha.

Kien jidħak bħat-tfal. Daqstant, imma, kien jibki meta jisma' b'xi għawġ. Għadu quddiem għajnejja dik il-ħabta tat-traġedja ta' Ħondoq ir-Rummien. Irid jagħdab! Imma fl-istess ħin jitnikket għal min kien imġarrab!

In-nies għalhekk ħabbitu! U għalhekk fl-elezzjoni tal-Kunsill Ċiviku u fl-elezzjonijiet politiċi ħarġet bi ħġarha biex tivvota għalih. Kien politiku b'viżjoni! U fdatu fit-tmexxija tal-Kunsill. Forsi ħadd bħalu f'dak il-qasam reġjonali ma ħadem tant bla heda biex ħsiebu jseħħ u jitwettaq. Kienet il-ħolma tiegħu jara il-Kunsill f'Malta Indipendenti. Kif kienu ħabbruh fit-Tokk fil-10 ta' Ġunju 1906 u mwettaq fil-21 ta' Settembru 1964.

Kien Malti konvint, nisrani u ewropew!

U ħsiebu ntwiret. U tlaħħam f'uliedu u f'ulied uliedu... Biex il-ġid fi gżiritna jkompli joktor u Għawdex ikompli jistagħna, bis-saħħa ta' Għawdxin bħall-*Prinċipal*...


*For the best household goods...*

**"DIVINE APPLIANCES"**

George Borg Olivier Street, Victoria, Gozo - Malta

Tel: (+356) 2155 0437
Fax: (+356) 2155 9139
Mob: 7944 0374
E-mail: divine@vol.net.mt

**Come and see our large variety!**

JOHN BORG
*Director*

**EUCHARIST MERCIECA AUTO LTD.**

- **VRT for Cars & Trucks**
- **Insurance Service & Travel**

**Mġarr Road, Victoria VCT 111, Gozo.**

Tel: 21565610 - 21559977
Fax: 21557716
Home: 21552593
Mobile: 99496025
79496025
Email: sales@ercarhire.com



# "Ilkoll qalb waħda kienu jitolbu ma' Marija, omm Ġesù" *(Atti 1:14)*

# *MARIJA U L-ĦIDMA EKUMENIKA*

**Fr. Charles Buttigieg jikteb minn Ruma**

**Id-duttrina u d-devozzjoni Marjana dejjem kienu punti partikulari fir-relazzjonijiet ekumeniċi bejn il-Knisja Kattolika u l-knejjes insara li m'humiex f'komunjoni sħiħa mal-Knisja ta' Kristu.**

**L-istorja tat-Teoloġija Marjana fil-Lvant u fil-Punent**

Ser naraw hawnhekk fil-qosor l-iżvilupp tat-tagħlim marjan matul l-istorja tal-kristjaneżmu. Ser naraw kif żvolġew xi differenzi f'dan it-tagħlim, speċjalment wara x-xiżmi kbar fi ħdan il-knisja, dik tal-Lvant u dik tal-Punent.

Fir-relazzjoni mal-knejjes insara tal-Lvant jidher li hemm xebħ duttrinali kbir. Infatti wieħed jista' jgħid li t-tagħlim marjoloġiku fil-Punent huwa wirt ta' dak li żviluppa oriġinarjament fil-Lvant. Għalhekk hemm influwenza kbira tal-Lvant fuq il-Punent ibbażata fuq it-tagħlim bibliku u dak tat-tradizzjoni. Anke kitbiet apokrifi fil-Lvant, bħall-il-Pseudo-Mattew influwenzat mill-*Protevangelium* jew il-ktieb ta' San Ġakbu u stejjer dwar it-*Transitus* u d-*Dormitio* - ir-Raqda (li għandhom x'jaqsmu mal-Assunzjoni ta' Marija), bdew jidhru fil-Punent fil-5 u s-6 seklu W.K. Per eżempju, il-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej jew tal-Purifikazzjoni ta' Marija bdiet f'Ġerusalemm għall-aħħar tar-4 seklu u daħlet bejn is-snin 640-649 fil-Punent. Il-festa tad-*Dormitio* kienet iċċelebrata Ġerusalemm diġà fis-sena 430 u daħlet f'Ruma fis-650. Kif ukoll it-twemmin tat-Tnissil Immakulat ta' Marija stabilit sew fil-Lvant daħal f'Ruma fis-seklu 7.

Minbarra dan, fil-Lvant insibu talb u innijiet li komplew isaħħu t-tagħlim dottrinali ta' Marija. Per eżempju nsibu t-talba antika tas-*Sub Tuum* b'referenza għal Marija bħala *Theotokos* (Omm Alla). Insibu ukoll l-innu sabiħ lil Marija magħruf bħal l-*Akathistos*. Ix-xogħlijiet ta' San Atanasju li influwenza wkoll lil San Ambroġ fil-Punent, kellu kontribut kbir fil-formulazzjonijiet dwar Marija bħala *Theotokos* fil-Koncilju ta' Efesu tal-431. Il-kunċett tal-Assunzjoni mbagħad narawh b'mod elaborat fl-omeliji ta' San Ġermanus ta' Kostantinopli, San Andrija ta' Kreta u f'San Ġwann Damaxxenu. Omeliji dwar l-Assunzjoni fil-punent insibuhom fil-*Mariale* ta' Reichenau tas-seklu10. L-ispiritwalità marjana għalhekk insibuha b'mod qawwi fil-liturġija kollha tal-Lvant, infatti l-liturġija Biżantina hi meqjusa bħala l-iktar waħda marjana. Għalhekk dan it-twemmin u tad-devozzjoni marjana fil-Lvant għen ħafna u ta l-kontribut tiegħu lill-Knisja tal-Punent. Nistgħu ngħidu li din l-unità fit-twemmin marjan bejn il-Lvant u l-Punent hija pont li jressaqhom ħafna lejn xulxin. Iktar milli hi kwistjoni dottrinali mal-Lvant, iktar hija problematika ta' min iħaddan l-awtorità ta' din id-duttrina u l-Primat tal-Papa.

Mhux hekk però fil-ħidma ekumenika mal-knejjes protestanti li sseparaw mill-Knisja Kattolika fl-era tar-Riformisti fis-sekli 15 u 16 mmexxija minn Ħuss, Luteru u Kalvinu. Huwa rigward punti fundamentali dottrinali li jidher li m'hemmx qbil mal-knejjes protestanti. Uħud minn dawn isostnu li hemm enfasi żejda min-naħa tal-Knisja Kattolika fuq il-Konċepiment Immakulat, fuq l-Assunzjoni u fuq il-Medjazzjoni Ko-Redentriċi ta' Marija bħala veritajiet infallibbli. Għalhekk mal-protestanti l-ħidma ekumenika fl-aspett marjoloġiku trid tkun waħda iktar intensiva u li ssib punti ta' djalogu bbażati fuq l-Isktittura li jistgħu jressquhom iktar lejn xulxin.

## *Il-Konċilju Vatikan II*

Wieħed mill-idejali tal-Beatu Papa Ġwanni XXIII fil-konċilju kien il-promozzjoni tal-Għaqda fost il-Knejjes Insara. Twaqqaf għalhekk Segretarjat għall-promozzjoni għall-Unità Nisranija sabiex iħabrek għal din l-għaqda u l-konċilju pproklama digriet dwar l-Ekumeniżmu, l-*Unitatis Redintegratio*. F'dan id-digriet insibu riferenza qawwija għat-teoloġija u d-devozzjoni marjana. Din ir-riferenza għal Marija narawha wkoll fil-Kostituzzjoni dwar il-Knisja *Lumen Gentium* li ġiet ippromulgata fl-istess ġurnata tad-digriet ekumeniku fil-21 ta' Novembru 1964, fejn naraw lil Marija "Omm il-Poplu Nisrani kollu". Marija hija għalhekk prinċipju ta' unità u mhux ta' ostilità kif ħafna jargumentaw rigward ir-relazzjonijiet ekumeniċi.

## *L-Ekumeniżmu llum*

L-iżvilupp ekumeniku rigward il-marjoloġija kompla jiżviluppa wara l-Konċilju u ġew iffirmati diversi trattati ta' qbil fil-Kungressi Internazzjonali Marjani ta' Ruma fl-1975 u dak ta' Saragozza fi Spanja fl-1979. Uħud mill-iskulari kattoliċi li ħadmu bi sħiħ f'dan il-qasam marjoloġiku mill-



aspett ekumeniku nsibu lil Thomas O'Meara, Eamon Carroll u Renè Laurentin. Fil-qasam mhux kattoliku niltaqgħu ma' John de Satge, J.A. Mackenzie, Stephen Benko u dan l-aħħar lil Arthur Piepkorn li wettaq studju eċċellenti ta' riċerka fuq il-letteratura marjana protestanta.

### *Il-Kelma t'Alla - tgħaqqad lil kulħadd*

Punt li jgħaqqad żgur il-ħidma ekumenika hija l-Kelma t'Alla. Fl-Iskrittura Mqaddsa naraw b'mod ċar li Marija hija dik l-Omm li qalet "Iva" għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha; "Imbagħad qalet Marija: 'Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!' Hija dik l-Omm li dejjem trid tara lil uliedha jifirħu flimkien. "Billi ma kienx fadal iżjed inbid, Omm Ġesù qatlu: 'Ma għandhomx inbid.' Fuq kollox għax hija Omm tgħaqqadna lkoll flimkien fit-talb. "U lkoll qalb waħda kienu jitolbu 'ma' Marija, Omm Ġesù". Żgur għalhekk inkunu qed immorru kontra x-xewqa ta' Ommna Marija li tatna lil Ġesù għall-għaqda tal-umanità kollha, li npoġġuha bħala ostaklu għall-unità nisranija. Marija hi mudell ta' unità fit-totalità tagħha. Il-Bxara t-Tajba tal-Vanġelu hija arka ta' allejanza u stedina għal għaqda ġdida.

Nagħlaq dan l-istudju tiegħi dwar Marija u l-ħidma ekumenika bil-ħsieb sabiħ tal-Kardinal Danielou fejn jgħidilna biex ma ninsewx li jekk kull qdusija ġejja mill-Ispirtu s-Santu, dan għaliex hemm preżenti Marija fostna bħal dak in-nhar tal-Pentekoste. J'alla l-ħidma ekumenika tkun talba waħda u qalb waħda ta' l-insara kollha ma' Marija. Marija hija l-Omm tal-bnedmin kollha u għalhekk bħala Omm trid tiġborna lkoll flimkien biex "inkunu lkoll ħaġa waħda".

### Biblijografija


Balistrieri Sergio, "Max Thurain. *L' unità nel segno della Madre*", in *Milizia Mariana*, Gennaio 1997, 14-15.

Gaspari Antonio, "*Never enough about Mary!*", *in Inside the Vatican, April* 1996, 54-59.

Moynihan, Robert, "*Behold Your Mother*", *in Inside the Vatican*, April 1996, 49-51.

O'Carroll Michael, *Theotokos. A Theological Encyclopedia of the Blessed Virgin Mary*, Washington - Delaware 1982.

Rahner Karl Vorgrimler Herbert, *Concise Theological Dictionary*, London 21983.

Tambasco Anthony J., *What are they saying about Mary?*, New York 1984.



GREZZJU BONELLO
Water Proofing Service
for Roofs and Walls
'Grez Jos', Filfla Street, Għajnsielem
Tel: 2155 7694
Mob: 9946 9102

SWEET SENSATIONS
CONFECTIONERY
For Cakes, Gateau, Pastries & Confectionery
Jesmond & Maryanne Borg
55, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 5663
Home: 2155 2277

Imperial Eagle
DAILY (from Monday to Friday)
Transport of goods between
Gozo & Malta and Malta & Gozo.




Contact: Joseph Spiteri
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str., Qala, Gozo.
Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521

# int u saħħtek



*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*

## Is-Sigaretti u t-Tipjip

Dan l-aħħar is-sigaretti u t-tipjiip issemmew mhux ħażin. Mill-5 ta' April li għadda bdiet isseħħ liġi ġdida li permezz tagħha mhux permess li jsir tipjip f'postijiet pubbliċi. Il-liġi oriġinarjament kienet ser tkopri wkoll il-ħwienet tax-xorb u r-ristoranti. Minħabba protesti minn naħa tas-sidien ta' dawn l-istabilimenti l-gvern mar pass lura u ta konċessjoni ta' sena oħra biex dawn ipoġġu purifikaturi u mezzi oħra biex taparsi l-arja li nibilgħu meta nkunu f'dawn il-postijiet tkun "pura"! Dan huwa każ tipiku fejn is-saħħa kummerċjali rebħet fuq is-saħħa taċ-ċittadin! Għalhekk issa ma baqagħlniex għażla oħra. Jekk ma rridux nimirdu minħabba d-duħħan velenuż tas-sigaretti ma nersqux lejn dawk il-postijiet fejn ikun hemm it-tipjip.

Għaliex qed ngħid hekk?

Id-duħħan tas-sigaretti huwa mimli bil-veleni li jistgħu jagħmlu ħsara lill-qalb, lill-arterji ta' ġisimna u jikkawżaw il-kanċer. In-nikotina, barra li hija sustanza ta' addizzjoni, iġġiegħel lill-qalb tħabbat aktar u ttella' l-pressjoni tad-demm. Barra minhekk ir-riskju ta' attakki ta' qalb, u trombożi fis-saqajn huwa akbar. Minħabba il-gass li jissejjaħ *carbon monoxide*, li huwa prodott mill-ħruq tat-tabakk, il-qalb ikollha inqas ossiġnu għax postu jieħdu dan il-gass velenuż.



Illum permezz ta' studju nafu fiċ-ċert li t-tipjip jista' jwassal għall-mard tal-qalb u taċ-ċirkulazzjoni u għall-kanċer tal-pulmun u mard ieħor. Dan il-mard, barra li jista' jkun fatali jnaqqaslek ħafna mill-kwalità tal-ħajja. Nafu li 40% ta' dawk li jpejpu iktar minn 20 sigarett kuljum imutu qabel jirtiraw mix-xogħol (61 sena). Nafu li f'Malta qed tmut persuna kuljum minħabba l-ħsara tas-sigaretti. Anke n-nisa u t-tfal li ma' kienux jpejpu iżda li kienu jgħixu ma xi ħadd li kien ipejjep regolari fil-preżenza tagħhom huma fl-istess periklu. Dawn jissejħu "*passive smokers*".

Is-sigaretti meta jinħarqu jipproduċu żewġ tipi ta' duħħan. Hemm il-"*mainstream smoke*" u s-"*side stream smoke*". Ta' l-ewwel jeħduh direttament dawk li jpejpu u tat-tieni jibilgħuh dawk li jkunu qrib min ipejjep. Id-duħħan tas-sigaretti fih madwar 4,000 tip ta' sustanzi differenti li 50 minnhom huma tossiċi u jistgħu jikkawżaw il-kanċer. Iktar ma int tkun espost għad-duħħan ta' kuljum iċ-ċansijiet huma akbar. Ħsara oħra f'min ikun qrib ta' min ipejjep hija li dawn ikunu iktar esposti li jaqbduhom infezzjonijiet fil-pulmun u attakki ta' ażma, speċjalment it-tfal u l-anzjani. Barra minn hekk, dawk l-ommijiet li jpejpu waqt it-tqala jew jekk ikunu qrib min ipejjep jista' jkollhom effetti ħżiena fuq it-tarbija billi titwieled qabel iż-żmien u tkun ta' piż żgħir għall-età tagħha.

Min jieqaf mit-tipjip ser iħossu aħjar żgur. Għall-ewwel jista' jħoss xi effetti tan-nikotina peress li

bħalma għedna din hija tagħmel l-addizzjoni u għalhekk dak li jkun għall-ewwel ser ikun xi ftit anzjuż jew irritat. Dawn l-effetti ta' waqfien jinħassu fl-ewwel ftit ġimgħat biss. Wara dan l-iskomdu wieħed igawdi mill-vantaġġi kollha ta' saħħa.

Jekk wieħed jieqaf mit-tipjip inaqqas ir-riskju li jimrad b'mard tal-qalb jew tal-kanċer. Wieħed ineħħi dik ir-riħa ta' nikotina minn fuqu u jkollu nifs iktar frisk u nadif. L-ikel itiehem aħjar u għalhekk tista' tieħu pjaċir iktar bit-togħma bnina ta' l-ikel li tiggosta. Barra minn hekk ġeneralment tħossok aħjar, ikollok iktar nifs meta tgħaġġel jew tiġri. Dan kollu jfisser li jkollok stil ta' ħajja li permezz ta' dieta tajba u eżerċizzju regolari tkun qed tagħmel dak kollu possibli biex tgħix f'saħħtek.

Illum il-mentalità moderna hija li l-privenzjoni fis-saħħa hija importanti ħafna għax illum nafu li meta l-





mard jidħol ikun diffiċli biex tikkontrollah. Issa, minħabba li fil-każ tal-mard tal-qalb u taċ-ċirkulazzjoni nafu li t-tipjip huwa fattur determinanti l-iktar ħaġa loġika biex nevitaw il-mard hija li nieqfu mit-tipjip. Fis-soċjetà tallum hemm min jirraġuna li t-tipjip huwa "dritt soċjali" u ħadd ma għandu jindaħal lil dak li jkun biex ma jpejjipx. Sa ċertu punt dan huwa veru iżda fl-istess ħin ħadd ma għandu jdejjaq lil ħaddieħor billi jpejjep ħdejh. Jekk wieħed irid ipejjep dik affarih iżda mhux li jdejjaq lil min ma jridx ipejjep. Hemm min qed jirraġuna wkoll li peress li ċertu mard huwa kawża diretta tat-tipjip, allura min ipejjep ikun speċi ħati ta' "att kriminali" kontra min jimrad minħabba t-tipjip ta' ħaddieħor. Fl-istess ħin min ipejjep u allura jimrad konsegwenza tat-tipjip dan ma għandux dritt għall-kura mħallsa mill-istat għal mard li speċi ġabu b'idejh. Dan iżda huwa argument estrem u mhux kulħadd jaqbel miegħu. Jiena naħseb li għandna nkunu raġunevoli u nibżgħu għal saħħitna. Min ma jridx jagħti każ ta' saħħtu affarih, iżda ma għandux dritt imarrad lil ħaddieħor!

Ibża għal saħħtek... Ieqaf mit-tipjip issa!


Ta' Pawlu



Bar & Restaurant

Tel: 2155 8355
Mob: 9942 1536
Fax: 2156 4382

4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.

LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO

Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt

SEA VIEW APARTMENTS ALSO AVAILABLE




*jikteb*
*Joe Bajada*

# Żebbuġ Rovers jirbħu t-tieni unur staġjonali

*Zebbug Rovers* rnexxielhom jirbħu t-tieni unur tagħhom dan l-istaġun meta għat-tieni darba fl-istorja tagħhom rebħu t-Tazza Jum il-Ħelsien. Huma għamlu dan wara finali kumbattuta li baqgħet fi *draw* ta' 2-2 anke wara li kien mogħti l-ħin barrani, huma rebħu 4-2 wara l-għoti tal-*penalties* lil *Nadur Youngsters*. Żebbuġ, minkejja li kellhom jitħabtu ħafna, urew karattru qawwi fejn darbtejn irnexxielhom jannullaw l-iżvantaġġ. Fil-fatt huma baqgħu jemmnu fihom infushom biex għal darb'oħra f'dan l-istaġun rebħu unur minn fuq il-*holders* Nadur, kif kienu għamlu aktar qabel fil-finali tat-Tazza Noel Vassallo.



Nadur minn naħa tagħhom taw sfida qawwija f'din ir-raba finali konsekuttiva tagħhom ta' din il-kompetizzjoni li tintlagħab bejn l-ewwel żewġ timijiet klassifikati fi tmiem l-ewwel round fl-ewwel diviżjoni. Kien unur li huma rebħu fl-aħħar żewġ staġuni u kienu tant viċin li jżommu l-unur għandhom iżda sfaw milħuqa fl-aħħar minuta u mbagħad tilfu kollox bil-*penalties*. Huma kellhom jilagħbu għal parti sostanzjali tal-partita bi *player* inqas u dan in-nuqqas ftit affetwahom għax għarfu jikkontrollaw tajjeb ħafna. U matul il-partita huma wkoll kienu sfortunati li darbtejn laqtu l-lasti opposti.

Kienu Żebbuġ li bdew tajjeb b'Eboh jimpenja lil Falzon li salvalu parzjalment u fit-12-il minuta minn *through pass* ta' Camilleri, Cardona wara li kkontrolla sab lil C.Camilleri jilħaq fuqu biex tefagħlu għal *corner*. Imbagħad fl-ewwel attakk serju tagħhom Nadur kienu sfortunati meta fil-15-il minuta, wara *freekick* ta' Simoncic, is-sostitut J.Portelli għeleb lil Xuereb b'xutt angulat iżda l-ballun spiċċa ma' sieq il-lasta. Fuq in-naħa l-oħra minn *freekick* ta' Taouli, Galea ġiegħel lil Falzon isalvalu għal *corner*. Imbagħad fl-20 minuta Nadur fetħu l-iskor bi *freekick* fil-baxx ta' Alex Simoncic. Zebbug ippruvaw għad-*draw* iżda ma kienux qed juru kordinazzjoni tajba. Fl-40 minuta Nadur tkeċċielhom Aaron Camilleri wara t-tieni karta safra, iżda minkejja dan l-iżvantaġġ numeriku huma reġgħu marru viċin meta għal darb'oħra laqtu l-lasti meta A.Portelli ra l-konklużjoni tiegħu tispiċċalu mal-minduda. Ma' tmiem it-taqsima Żebbuġ marru viċin id-draw meta minn kross ta' Cardona, Eboh kellu d-daqqa ta' ras tiegħu tkun ikklerjata minn fuq il-linja minn B.Portelli.

Fit-tieni taqsima kienu Żebbuġ li marru viċin li jagħmlu l-iskor indaqs fejn wara li Galea mar viċin b'xutt angulat, fit-13-il minuta huma rnexxielhom jagħmlu dan meta wara *foul* fuq Cardona, Mahjoub Taouli mill-*penalty* għeleb lil Falzon mir-*rebound* wara li l-istess *goalkeeper* kien salvalu parzjalment. Żebbuġ komplew jipprovaw fejn, minn azzjoni ta' Cardona, xuttijiet konsekuttivi ta' Taouli u Galea kienu salvati mill-*goalkeeper* avversarju. Iżda fis-26 minuta Nadur mill-ġdid sabu ruħhom minn fuq meta Simoncic żmarka lil Chris Camilleri li mill-viċin għeleb lil Xuereb. Minuta wara l-istess *player* kellu kannonata li għaddiet ftit għoli. Fuq in-naħa l-oħra reġa' kien B.Portelli li kklerja minn fuq il-linja tentattiv ta' Eboh. Żebbuġ komplew jinsistu għad-*draw* b'Falzon jinnewtralizza għal *corner* l-konklużjoni ta' J.Cordina u Azzopardi xxutja ftit għoli minn barra l-kaxxa. Is-sostitut M.Cordina ppenetra tajjeb iżda dam jaħsibha biex ikklerjawlu għal *corner*. Finalment fl-44 minuta r-*Rovers* salvaw ir-riżultat bi *freekick* dirett ta' Mahjoub Taouli biex il-logħba kellha tidħol fil-ħin barrani.

F'dan il-ħin mogħti żejjed l-ebda naħa ma rnexxielha tikseb il-*golden goal* minkejja li kienu Żebbuġ li l-iktar resqu viċin li jagħmlu dan b'tentattivi ftit barra ta' Cardona, Eboh u Galea. Għalhekk il-partita kellha tiġi deċiża bil-*penalties* fejn Żebbuġ skurjaw erba' minn Mario Azzopardi, Joseph Cordina, John Eboh u Mahjoub Taouli. Nadur skurjaw tnejn minn Kevin Buttigieg u Alex Simoncic, fil-waqt li Mario Bonello sab lil Xuereb jilqagħlu u Brian Portelli laqat il-minduda. B'hekk Żebbuġ rebħu din it-tnax-il edizzjoni tat-Tazza Jum il-Ħelsien. Fi tmiem il-finali Vincent Grech, President tal-Kumitat Festi Popolari u Nazzjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, ippreżenta t-tazza lil Franco Magrin, *captian* ta' Żebbuġ Rovers.

# *Xagħra United jirbħu l-FXB KO tat-tieni diviżjoni*



*Xagħra United* kif kien mistenni rebħu dan l-unur tat-tieni divizjoni iżda biex huma refgħu t-tazza kellhom jitħabtu iktar milli kien mistenni kontra Qala St Joseph. Filfatt huma rebħuha bil-*golden goal* wara li sal-ħin regolamentari l-iskor kien ta' 2-2. Xagħra niżlu għal logħba b'ċerta kunfidenza żejda fejn forsi issottovalutaw lill-avversarji tagħhom u bdew jitilfu ċ-ċansijiet fil-partita. Iżda ma kien hemm l-ebda dubju dwar minn kien l-aħjar tim. Xagħra kienu wkoll sfortunati li darbtejn ġew imċaħħda mil-lasti avversarji.

Qala minn naħa tagħhom taw sfida denja u darbtejn irnexxielhom jirkupraw ir-riżultat li baqgħu bih sal-ħin regolamentari. Anzi qabel ma ntemm il-ħin normali huma tilfu ċans faċli li jiksbu r-rebħa. Imbagħad fil-ħin barrani huma naqqsu mir-ritmu biex spiċċaw soffrew il-*goal* li bih ġiet deċiża u ngħalqet il-finali.

Kienu Xagħra li ħarġu jattakkaw fejn wara li J.Attard ixxutja ftit barra, fid-9 minuta huma fetħu l-iskor minn *freekick* dirett ta' Errol Grima. Erba' minuti wara huma marru viċin li jirdoppjaw meta wara azzjoni ta' *corner*, Bartolo ra lil Bonello jikklerjalu minn fuq il-linja. Qala wettqu reazzjoni fejn irnexxielhom jiksbu d-*draw* b'*goal* mill-isbaħ tad-difensur Simon Camilleri li għeleb lil Gauci fl-anglu b'xutt minn madwar 30 metru bogħod. Iżda fil-21 minuta reġgħu kienu Xagħra li marru minn fuq meta Grima żmarka lil Joseph Sultana li waħdu fil-kaxxa ma falliex b'xutt fl-baxx. Però Qala ma qatgħux qalbhom għax fit-38 minuta reġgħu kisbu d-draw meta Simon Sancto tefa' ġewwa wara li Gauci ma kienx żamm il-kross ta' Camilleri. Qabel intemmet it-taqsima Xagħra kienu perikolużi iżda Camilleri kkonkluda ġol-*goalkeeper* avversarju.

Fit-tieni taqsima kienu Xagħra l-iktar li nsistew għall-*goal* tar-rebħa. Wara li Pace salva f'żewġ attentati fuq Camilleri, xutt ta' Grima spiċċa ftit għoli. Fid-29 minuta J.Attard żmarka lil J.Sultana li waħdu fil-kaxxa ra lil Pace jikklerjalu b'saqajh. Imbagħad minn kross ta' Debono, J.Camilleri bir-ras stampa mal-minduda. Fl-44 minuta Pace wettaq *save* diffiċli meta dawwar għal *corner* il-konklużjoni ta' J.Camilleri. Sekondi wara iżda kienu Qala li għal ftit ma ssorprendewx meta Sancto ħarab waħdu iżda kkonkluda barra.

Bil-logħba tidħol fil-ħin barrani kienu Xagħra li ddominaw fejn Attard ikklerja minn fuq il-linja t-tentattiv ta' Galea u fl-10 minuta Pace ħareġ jikklerja fuq J.Camilleri u mir-*rebound* J.Sultana kien sfortunat li laqat il-minduda. Imbagħad fit-12-il minuta Xagħra kisbu l-*golden goal* permezz tal-iżmarkat John Camilleri wara *pass* ta' J.Sultana. Fi tmiem il-finali Joe Cordina, President tal-GFA, ippreżenta t-Tazza FXB lil Simon Sultana, *captain* ta' *Xagħra United*.



# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

### *Meta dubbiena tiffittak għal sitt xhur... x'tagħmel?*

Raġel minn Kalifornja mar fuq it-televiżjoni u stqarr li għandu provi li juru li dubbiena partikolari għexet għal sitt xhur sħaħ fil-kamra tas-sodda tiegħu. Ir-raġel qal li bil-lejl kien iħobb josserva dubbiena ddur mas-saqaf ta' kamartu u ġietu l-idea li jagħlaq il-bieb tal-kamra tas-sodda u jara kemm din id-dubbiena kien se jirnexxielha tgħix. Huwa qal li d-dubbiena damet iddur fil-kamra sitt xhur sħaħ, sakemm fl-aħħar ma baqgħet tidher imkien. Esperti qalu li wisq probabli l-ewwel dubbiena li osserva r-raġel kienet waħda mill-antenati ta' l-aħħar dubbiena li lemaħ. Min kapaċi jgħidilna kemm tgħix dubbiena?!

### *Diskett tal-karti għall-Kompjuter... b'irħis!*

Il-kumpanija *Sony* ivvintat diskette ġdida, li 51% minnha hija magħmula mill-karta. Dawn it-tip ta' diskettes se jkunu jiswew ferm anqas flus u se jkunu jistgħu jżommu fihom ħames darbiet l-ammont ta' informazzjoni li wieħed jista jpoġġi fuq id-diskettes li jintużaw bħalissa. Ekonomija!

### *Jirtira ta' 104 snin... u għad baqagħlu x'jagħmel!*

Mhux f'Malta! Raġel minn Pennsylvania, il-Professur Raqy Crist, irtira mix-xogħol hekk kif għalaq 104. Il-professur Crist ġie deskritt minn bosta gazzetti Amerikani bħala l-ixjeħ ħaddiem fl-Amerika. Huwa baqa jgħallem fil-*Messiah College* ta' Grantham sakemm għalaq din l-età. Ray Crist ħa d-dottorat fil-Kimika fl-1926 u kien wieħed mill-ħbieb ta' Albert Einstein – tant li ħadem miegħu fuq bosta proġetti. Għalkemm Crist irtira mix-xogħol, qal li għad fadallu ħafna riċerka x'jagħmel.

### *Il-ballerina li sfrattat serata għax riedet tieħu sehem f'Opra!*

Il-pulizija f'Londra kellha tarresta lil Mary Wilcons ta' 22 sena wara li din sfrattat opra f'teatru fil-belt tagħha. Wilcons xtaqet tkun fost il-ballerini li kienu qed jieħdu sehem f'din l-opra imma minħabba l-figura tagħha d-direttur ta' l-opra m'aċċettahiex. Sabiex tpattihielu, il-ballerina staħbiet fit-teatru fil-lejl ta' qabel l-opra u għamlet ħerba sħiħa mix-xenarju, dwal u kostumi. L-opra kellha titħassar u Wilcons spiċċat il-ħabs... issaffar l-Aida!



**It-Teatru Rjal... 75 sena ilu**

**Dehra sabiħa u impressjonanti ta' dak li darba kien wieħed mill-isbaħ teatri tal-opra fl-Ewropa, fl-1930. Twaqqa' f'bumbardament fl-aħħar gwerra dinjija, fis-7 ta' April 1942, u wara 62 sena għadu l-ikraħ tifkira u diżunur kbir għalina! Tgħid għad jerġa' jinbena minn fondi tal-Unjoni Ewropea???**



Into the future
Bold architecture,
elegant modern lines,
a wide range of equipment...
307
dynamically propels
the car into a new era.
307
Michael Attard Ltd. - National Road, Blata l-Bajda - T: 2123 8854
website: www.peugeot.com.mt E: sales@michaelattard.com
Psaila Street, Sta Venera - T: 2144 9312
Gozo Sub-agent: Attard Auto Dealer, Mgarr Rd, Ghajnsielem - T: 2155 9453
PEUGEOT




# G B S

## Gozo Business Systems Ltd.

'The Mall', George Borg Olivier Street,
Victoria VCT 111, Gozo, Malta.
Tel: (+356) 21 565 565 Fax: (+356) 21 565 564

MAGIC® RCH terra®














# WE SELL QUALITY